**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma illum 31 ta' Jannar 2017.**

**Rikors Numru 374/09CSH**

**Philip Xuereb, Maurizio Gauci u Antoine Mallia ezercitanti s-sengha taghhom taht l-isem ta' G&X Construction**

**Vs**

**Joseph Mifsud u Maria Mifsud u b'digiret tad-9 ta Jannar 2012 gie kjamat in kawza il-Perit Joseph Bugeja.**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-rikorrenti fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsuhom dik is-somma rapprezentanti xoghol ta' kostruzzjoni maghmul minnhom a tenur ta' kuntratt t'appalt li kien hemm bejniethom liema kuntratt gie mitmum u miksur minghajr ebda raguni valida fil-ligi mill-intimati liema somma dovuta ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti wara li tali xoghol jigi mkejjel minn Perit Arkitett skond il-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru.... mressaq mill-rikorrenti kontestwalment mal-presenti u bl-imghax bl-oghla rata li tippermetti l-

ligi mid-data li tali somma kienet dovuta mill-intimati lill-rikorrenti sad-data tal-effettiv pagament.

Qed jigi dikjarat li s-somma li qed tigi mitluba mir-rikorrenti minghand l-intimati ma teccedix is-somma ta' hdax-il elf Ewro (€11,000).

Rat ir-risposta ta' Joseph Mifsud kif prezentata nhar is-27 ta' Ottubru, 2009 fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-esponenti qeghdin jirrispingu l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha pretizi mill-rikorrenti stante illi ma huwiex minnu li l-esponenti kisru l-obbligu kontrattwali taghhom fil-konfront tal-rikorrenti, ghall-kuntrarju kienu l-rikorrenti stess li abbandunaw il-lant tax-xoghol.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni li saru fil-fond mertu ta' din il-kawza ma sarux skond is-sengha u l-arti rikjesta mil-ligi u lanqas skond il-pjanti approvati mill-awtoritajiet kompetenti u l-esponenti sofrew danni u spejjez konsiderevoli minhabba x-xoghol hazin u l-agir abbuziv, illegali u negligent tar-rikorrenti, u dan kif ser jigi pprovat permezz ta' kontro-talba li ser tigi pprezentata kontestwalment ma' din ir-risposta.*
3. *Illi minghajr pregudizzju l-esponenti hallsu ghas-saldu lir-rikorrenti dak spettanti lilhom fil-ligi.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti skond il-Ligi.*

Rat illi l-intimati kienu qeghdin jipprevalixxu ruhhom mid-dritt moghti lilhom ai termini ta' l-Artikolu 396 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u esponew is-segwenti:-

1. *Illi huma kienu inkarigaw lill-rikorrenti rikonvenzjonati sabiex jesegwixxu xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond numru 9, Triq Dun Geraldu Mangion, Mqabba.*
2. *Illi x-xoghol esegwit mir-rikorrenti rikonvenzjonati ma kienx skond is-sengha u l-arti rikjesta mill-ligi.*
3. *Illi inoltre minhabba x-xoghol hazin u l-agir abbusiv, illegali u negligenti tar-rikorrenti, gew ikkawzati hsarat fil-fond prorpjeta ta' l-esponenti.*
4. *Illi skond rapport tal-Perit Alan Saliba nkarigat mill-esponenti sabiex jispezzjona l-izvilupp tal-fond in kwisjtoni, gew irriskontrati s-segwenti lanjanzi teknici:*

i. *Fis-saqaf ta' quddiem dehru konsenturi rqaq mit-tul hekk kif jidhru mir-ritratti hawn annessi u indikati bhala (**ritratt 01**) u (**ritratt A)** kontra d-direzzjoni tax-xibka (**ritrat B**) li jindikaw li dan is-saqaf huwa diffettuz.*

ii. *Skond rapport tal-Perit Joe Bugeja inkarigat mix-xoghlijiet in kwistjoni (**Dok JB**), il-konkos li kellu jintuza ghas-soqfa kellu jkun Grade C25. Minn testijiet li saru fuq il-parti ta' wara tas-saqaf jirrizulta li dan is-saqaf ghandu Core Compressive Strength ta' 19.5 N/mm2 (Dok SB) u ghalhekk bil-bosta inqas minn 25 N/mm2 li kien ordnat.*

iii. *Skond il-pjanti approvati mill-MEPA (**Dok MEPA**) il-floor to ceiling height kellha tkun ta hdax-il filata. L-gholi ezistenti mill-qicc ta' l-art sas-saqaf huwa ta' ghaxar filati.*

iv. *Hija l-prassi li l-blata tat-twieqi tkun livell jew filata ghola mill-blata tal-bibien interni. F'dan il-kaz it-tieqa tal-faccata inzammet filata <u>inqas</u> mill-bibien interni **(ritratti 02 u 03)** u ghalhekk din it-tieqa giet baxxa.*

5. *Illi l-esponenti kellhom jinkarigaw terzi persuni sabiex jesploraw l-inkarigu originarjament moghti lil-rikorrenti u dan ssarfu fi spejjez addizzjonali ghall-esponenti.*
6. *Illi l-esponenti qieghdin jillimitaw it-talba taghhom ghall-massimu ta' hdax-il elf Ewro (€11,000) ekwivalenti ghal hamest elef liri Maltin (Lm5,000)*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti rikonvenzjonati talbu lil din l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara li x-xoghol esegwit mill-rikorrenti issa intimati ma kienx skond is-sengha u l-arti rikjesti mll-ligi okkorrendo permezz ta' periti nominandi.*
2. *Tiddeciedi u tiddikjara illi l-eseponenti sofrew danni b'rizultat ta' l-agir tar-rikorrenti.*
3. *Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrenti kienu unikament responsabbli ghal dawn id-danni.*
4. *Tillikwida okkorendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mill-esponenti.*
5. *Tikkundanna lir-rikorrenti issa intimati jhallsu lill-esponenti d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma ingunti in subizzjoni.*

Rat it-twegiba tar-rikorrenti rikonvenzjonati kollha fejn eccepew is-segwenti:-

1. *Illi l-pretensjoni tal-intimati rikonvenzjonanti hi wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.*
2. *Illi x-xoghol esegwit mir-rikorrenti rikonvenzjonati gie esegwit skond is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi tant li gie iccertifikat mill-Perit Arkitett ingaggajt mill-istess intimati rikonvenzjonanti u dana hekk kif se jipprovaw l-istess rikorrenti-rikonvenzjonati waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*
3. *Illi l-intimati rikonvenzjonanti ma sofrew l-ebda danni.*
4. *Illi r-rikorrenti rikonvenzjonati m'ghandhom iwiegbu ghall-ebda danni versu l-intimati rikonvenzjonanti.*
5. *Salv linji difensjonali ohra hekk kif permessi mil-ligi.*

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Joe Bugeja** nhar l-10 ta' Marzu 2010 fejn jghid li huwa l-perit tal-konvenuta Maria Mifsud u binha Joseph. Jghid li ma kien jaf bl-ebda kuntratt

ta' appalt li kien hemm bejn il-klijent tieghu u l-bennej. Jaf li kien hemm lista ta' *unit rates* mahruga mill-bennej u ghandu jifhem li dawn gew miftiehma mieghu. Fil-fatt jghid li inghata kopja ta' dawn il-*unit rates*.

Spjega li kien hemm gja dar b'zewg sulari ezistenti pero' kellu jinbena sular iehor b'access separat ghalih. Naturalment huwa kien involut f'dan ix-xoghol li kellu jsir u kien ghamel l-applikazzjoni mal-MEPA u l-MEPA kienet approvat tali permess. Ix-xoghol beda mit-tieni sular, pero' jghid li l-access separat ghas-sular ta' fuq kellu jsir wara u sa fejn jaf hu kien hemm xi ftehim apparti. Qal li s-sular li kellu jinbena in effetti nbena u wara li kien tlesta x-xoghol kien hemm rikjesta sabiex il-kont jigi rivedut mill-klijent tieghu. Il-klijent tieghu kien qallu li kien hemm xaqq fis-saqaf tal-*living room* u li ma kienx ser jaghmel il-pagament dovut jekk ma kienx sodisfatt mija fil-mija dwar ix-xoghol li kellu jsir. Ir-rikjesta biex huwa ikejjel ix-xoghol sar mill-bennej pero' ir-rikjesta sabiex isir *review* tal-kont sar mill-klijent innifsu.

Ikkonferma li kien hemm kamra partikolari li effettivament vera kellha konsentura fis-saqaf u kien ftiehem mal-bennej sabiex inehhi din il-parti tas-saqaf. Fil-kejl li hareg fl-ahhar, imbaghad kellu juri it-tibdil ta' dan is-saqaf, anzi jispjega li jeskludi it-tnehhija ta' dan is-saqaf u naturalment ghalhekk din il-parti ma gietx imkejla. Huwa ha l-prekawzjoni billi ttestja is-saqaf b'ezami f'laboratorju indipendenti u rega' ccekkja l-kalkoli strutturali kollha.

Mistoqsi jekk ghandux kopja tal-kont li hareg jghid li effettivament ghandu izda dan kien sogget ghal re-examination u rega' hareg *revised bill* fid-19 ta' Settembru, 2008. Huwa esebixxa kopja ta' dawn iz-zewg kontijiet li gew markati bhala dok X u dok Y.

Jispjega illi l-access separat ghas-sular ta' fuq ma nbeniex u sussegwentement kien hemm dizgwid bejn il-partijiet jigifieri bejn il-klijenta tieghu u l-bennej. Jekk il-bennej thallasx jghid li ma jafx, jaf pero' li kien hemm xi kwistjoni bejn is-sinjuri Mifsud

pero' qatt ma kien hemm *change of architect* u ghalhekk baqa' responsabbli hu ghas-sit.

Mistoqsi jekk effettivament inbidilx is-saqaf jghid li kien gie mgharraf f'Jannar, 2009 li kienu qed isiru xoghlijiet fis-saqaf tat-tielet sular pero' ezattament x'sar ma jafx. Huwa ghadda minn hemm u ha xi ritratti sabiex ikollu prova tax-xoghol li sar. Jaf li kienu gew zarmati xi affarijiet mill-faccata u mir-ritratt jidher li il-bokka tnehhiet.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 il-Qorti giet informata li l-partijiet ma waslu ghall-ebda ftehim u inoltre l-intimati nfurmawha li hemm hajt li jista' jkun ta' periklu. Ghaldaqstant il-Qorti tat digriet fejn gie nominat il-perit tekniku AIC Jesmond Mugliett sabiex jaccedi fil-proprjeta' in kwistjoni, jaghti direttivi mehtiega u necessarji biex inehhi dan il-periklu, jekk jezisti u jiehu dawk il-mizuri necessarji mmedjati biex il-hsara,jekk talvolta tezisti, ma tizdiedx.

Rat in-nota tar-nhar l-20 ta' Ottubru, 2010 li permezz taghha r-rikorrenti ipprezentaw tliet affidavits. (fol. 33).

Fl-affidavit tieghu **Philip Xuereb** jghid li huwa flimkien ma' Maurizio Gauci u Antoine Mallia kienu gew avvicinati minn certu Conrad Cassar li kien jaf lil Joseph Mifsud u Maria Mifsud u staqsihom jekk xtaqux li jibnu ghal Joseph Mifsud u Maria Mifsud u dan billi huwa xoghlhom. Huma accettaw u iltaqghu mas-sinjuri Mifsud u bdew jifthiemu maghhom direttament tant li anke tawhom kopji tar-rati sabiex juruhom lil perit taghhom. Wara xi gimgha Joseph Mifsud cemplilhom biex jibdew jibnu fuq is-sit taghhom u ma qalulhom xejn li kellhom xi problemi bir-rati. Jghid li huma talbu lil Mifsud sabiex ilaqqghuhom mal-perit taghhom Joe Bugeja izda ghall-ewwel kien imur fuq is-sit l-assistent ta' dan il-perit li ma jiftakarx x'jismu. Sussegwentement bdew jahdmu fuq il-post u dan dejjem skont l-istruzzjonijiet ta' l-istess assistent.

Jispjega illi kienu diga' ilhom jahdmu ghal madwar xahar fuq in-naha ta' wara tad-dar u meta waslu biex jibnu l-faccata Joseph Mifsud waqqafhom ghaliex qalilhom li l-permessi tal-MEPA kienu ghadhom ma hargux. Qalilhom biex isaqqfu biss sa sitt piedi lura mill-faccata jigifieri is-saqaf fuq dak il-bini li kienu bnew. F'dan il-punt huma gibdu l-attenzjoni tas-sid li qabel ma jsaqqfu kien ikun ahjar li jzidu filata f'dan is-sular, izda l-asssistent bi qbil ma'Mifsud qalilhom biex jimxu mal-pjanti taghhom u huma hekk ghamlu.

Meta gew biex jarmaw ix-*shutters* biex jibnu is-saqaf, mar l-assistent tal-Perit bil-pjanti ta' kif kellu jigi mibni is-saqaf. Huma gibdulu l-attenzjoni illi peress li kien hemm *open plan* kbira kien jehtieg li s-saqaf jigi nfurzat ahjar milli wrihom hu, billi fost l-ohrajn jizdied il-hadid u xibka. L-assistent tkellem mal-Perit dwar dan pero' ftiehmu li jhallu kollox kif kien fuq il-pjanta originali u cioe' li ma jzidux dan il-hadid u x-xibka li kienu ssuggerewlu. Joseph Mifsud kien dejjem involut f'dawn id-decizjonijiet u fil-fatt ma oggezzjonax u qabel mad-decisjoni tal-perit li jithalla kollox skont il-pjanta. Huma ghalhekk imxew fuq dawn l-istruzzjonijiet.

Spjega illi wara li s-saqaf inghata l-konkos hallewh jaghmel iz-zmien tieghu li f'dan il-kaz kien ta' madwar xahar u nofs, ghaliex huma komplew itellghu xi xoghol ukoll fil-faccata ta' l-istess sular biex wara ikomplu s-saqaf li ma hallihomx jaghmlu Joseph Mifsud, halli jserrah fuq din il-faccata sas-saqaf li kienu lahqu ghamlu. Spjega illi bhala prassi, wara tmienja u ghoxrin (28) gurnata tista' zzarma ix-*shutters* jigifieri f'dan il-kaz, is-saqaf tawh aktar cans biex joqghod aktar milli hu mehtieg. Kienu ukoll gibdu l-attenzjoni tas-sid illi it-tieqa tal-faccata kien ahjar illi jkabbruha b'filata il-ghaliex kienet ser tidher baxxa. Pero' bil-kunsens tal-Perit Joe Bugeja u Joseph Mifsud huma iddecidew li anke din it-tieqa tithalla kif iddisinjata fuq il-pjanta u ma jsirx it-tibdil issugerit minnhom.

Qal li meta zarmaw ix-*shutters* tfaccaw xi konsenturi irqaq fl-imsemmi saqaf. Hekk kif sehh dan waqfu mix-xoghol u rega' mar l-Perit Joe Bugeja u dan tahom

struzzjonijiet sabiex iwaqqghu dik il-parti tas-saqaf fejn kien hemm il-konsenturi, kif ukoll biex jergghu jibnuh mill-gdid kif kienu ssuggerew huma stess fil-bidu u dan bi ftehim li l-perit kellu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez mehtiega sabiex isir dan ix-xoghol.

Il-Perit Bugeja kien ghamel it-testijiet necessarji fuq il-kumplament tas-saqaf ghand il-kumpanija li ghandha l-isem Solid Base Limited minn fejn irrizultalu li dan kien tajjeb, hlief ghall-parti fejn kien hemm il-konsenturi u cioe', l-parti ta' fuq l-*open plan*. Ried jghamilha cara li anke f'din il-parti il-konkos kien tajjeb bhala '*grade*' pero' inqasam ghax ma kienx fih r*einforcement* tajjeb. L-istess Perit wara ddecieda li kellu jizzarma parti mis-saqaf u hejja pjanti godda ta' kif kellu jerga' jinbena is-saqaf li kellhom iwaqqghu.

Jghid li huma qablu mal-Perit u fil-fatt dik il-parti tas-saqaf kissruha u sabiex setghu jaqilghu dik il-parti tas-saqaf, kellhom ukoll ihottu parti mill-appoggi ta' tmien filati li kien gja lahqu tellghu sabiex jevitaw il-perikolu. Meta gew biex jarmaw ix-*shutters* u jaghtu il-konkos mill-gdid Joseph Mifsud waqqafhom ghaliex xtaq li jinqala' is-saqaf kollu. Kien hawnhekk, meta rega intervjena l-Perit fejn dan kien tal-fehma illi t-twaqqiegh tas-saqaf kollu ma kienx mehtieg ghaliex il-kumplament tas-saqaf ma kellux difetti u ghaliex kif gja inghad kienu gja tellghu parti sostanzjali mill-appoggi, il-faccata kif ukoll hitan divizorji.

Il-Perit baqa' isostni li ma kienx hemm lok li is-saqaf jitwaqqa' kollu u dan ghall-kuntrarju tax-xewqa ta' Joseph Mifsud li xtaq iwaqqa' is-saqaf kollu, flimkien mal-bini kollu li tellghu sabiex isir saqaf kollu mill-gdid. Apparti dan Mifsud qalilhom li dan kollu kellu jsir a spejjez taghhom jew tal-perit Bugeja u fi kliem qalilhom biex jirrangaw bejniethom.

Jispjega illi kien jidher car li kien hemm nuqqas ta' qbil bejn is-Sinjuri Mifsud u l-Perit taghhom stess Joe Bugeja. Qal li huwa flimkien ma' shabu li wettqu dan ix-xoghol ma hassewx li ghandhom jidhlu f'din il-kwistjoni u dan ghaliex din kienet

kwistjoni bejn is-Sinjuri Mifsud u l-Perit Bugeja ta' fiducja taghhom. Ghalhekk sakemm tirrisolvi ruha din is-siwazzjoni ma setghux ikomplu bix-xoghol ghaliex riedu struzzjonijiet cari. Huma dejjem riedu illi iwettqu ix-xoghol kollu li kien ftiehmu li iwettqu ghas-sinjuri Mifsud. Huwa flimkien ma' shabu stennew ghal madwar tliet gimghat sakemm din il-kwisjtoni tirrisolvi ruhha. Wara dan il-perjodu huma cemplu lill-Perit Joe Bugeja u dan qalilhom li kellu jibghat notifika lil MEPA li ha jirrizenja minn dan il-progett ghaliex ma intlahaqx ftehim mal-klijent tieghu u cioe' Joseph Mifsud.

Zied jghid li xi zmien wara waqt li huwa kien fil-kumpanija ta' Antoine Mallia u kienu ghaddejjin minn quddiem is-sit ta' kostruzzjoni li kienu qed jahdmu fih u ntebhu li kienu tkomplew xi xoghlijiet fuq dak illi kienu hallew huma, fosthom li zzarma l-arkipjan tat-tieqa tal-faccata u tkissret parti ohra mis-saqaf. Antoine minnufih cempel lil Perit Bugeja u qallu b'dawn l-alterazzjonijiet. Il-Perit ma kienx jaf b'dawn ix-xoghlijiet u qalilhom illi hu kien irrizenja. Kien jidher car li s-sinjuri Mifsud minn wara daharhom u minn wara dahar il-Perit taghhom stess dahhlu xi haddiema ohra jahdmu flokhom.

Kien ghalhekk li huma bdew il-proceduri biex jithallsu tax-xoghol li ghamlu skont l-istruzzjonijiet tal-Perit Bugeja bil-kunsens ta Joseph Mifsud. Dawn l-ispejjez illum jammontaw ghal madwar hdax-il elf Ewro (€11,000) u jikkonsistu fis-segwenti:-

- Il-Bilanc ta' tlett elef seba' mija wiehed u tmenin Ewro w hdax-il centezmu (€3,781.11) rapprezentanti somma bilancjali mis-somma ta' €8,997.46 li minnha tnaqqset diga is-somma ta' €5,216.35 gja imhallsa minn Mifsud ghax-xoghol li gie imkejjel mill-Perit Bugeja.
- Il-Bini li baqa' ma giex imkejjel
- Is-saqaf li bnew (u waqqghu fuq struzzjonijiet tal-Perit Bugeja u ta' Mifsud) u
- Il-materjal li hallew fuq il-post.

Spjega li huma ma inkludewx fil-kont taghhom l-ammont li huma qeghdin jitolbu minghand is-sinjuri Mifsud f'din il-kawza ghax-xoghol ta' tibdil li ghamlu fis-saqaf kif hawn fuq spjegat li huma ghamlu skont l-istruzzjonijiet tal-Perit Bugeja.

Finalment iccara ukoll illi huwa ma jistax jaghti figura preciza u dan billi hekk kif gja spjegat hemm xoghol li ghadu mhux imkejjel.

**Maurizio Gauci** u **Antoine Mallia** ikkonfermaw dak kollu li qal Philip Xuereb fl-affidavit tieghu u kkonfermaw il-kontenut tieghu.

Rat il-kontro-ezami ta Maurizio Gauci li sar quddiem il-Perit Tekniku nhar is-17 ta' Lulju 2012 (fol. 179). Fuq domanda tal-avukat jekk kienx hemm diskuzzjoni fuq il-hadid jew dizinn, partikolarment jekk il-pjanta open plan kinitx tehtieg aktar hadid, ix-xhud wiegeb li kien gibed l-attenzjoni tal-assistent tal-Perit Bugeja fil-prezenza tat-tifel tal-konvenuta sabiex isaqsi lill-Perit sabiex jara jekk il-hadid li indika fil-pjanti kienx bizzejjed. Il-Perit Bugeja kien ta struzzjoni lill-assistent tieghu sabiex imexxi kif indikat originarjament. Dwar it-tieqa qal li kien hemm diskussjoni dwar jekk kellhiex tkun akbar jew izghar. Rigward il-konsenturi li feggew ix-xhud qal li kienu gabu lil Attard Brothers sabiex jaghmel testijiet ghalihom. Mistoqsi x'kien qal il-Perit Bugeja dwar dawn il-konsenturi, Gauci wiegeb li dan kien qalilhom biex ikissru s-saqaf bi spejjez ghalihom u jergghu jaghtu s-saqaf b'izjed hadid. Spjega li bi spejjez ghalihom ried ifissier li kien qed jirreferi ghall-hin taghhom, kiri ta' high up u l-jackhammer. Qal li huma accettaw li jaghmlu dan anke ghaliex il-Perit Bugeja kien qalilhom li se jghinhom aktar bix-xoghol li se jizdied, cioe' li kien se jidhol aktar xoghol ta' hadid u l-Perit Bugeja kien se jhallas ghall-konkos u l-hadid hu stess.

Mitlub jikkonferma dan mill-Perit Tekniku, x-xhud rega' tenna li l-Perit Bugeja kien indikalhom li kien se jaghmel xibka tal-hadid. L-ispejjez tas-saqaf originali, partikolarment il-konkos, kienu hallsuhom ix-xhud u shabu. Fuq talba tal-perit

tekniku, x-xhud ikkonferma li in prattika dan kien ifisser li huma hargu l-ispejjez ghas-saqaf tal-konkos bl-intendere li jitkejjel wara imma meta hargu l-konsenturi, l-Perit Bugeja dan ix-xoghol tas-saqaf ma kejlux.

Mistoqsi ghaliex insistew li jkun il-Perit Bugeja li jhallas l-ispejjez tas-saqaf fejn hargu l-konsenutri, x-xhud qal li meta l-Perit Bugeja kien tahom indikazzjoni li kien ser izid il-hadid, dan kien jindika li t-tort huwa tieghu. Ikkonferma wkoll li x-shutters huma zarmawhom. Mistoqsi jekk huma ghabbewx is-saqaf u li kienet din it-tghobbija (skond il-Perit Bugeja) li kkawzat il-konsenturi, x-xhud wiegeb li huma ghabbew bricks fit-truf tas-saqaf, xi hmistax-il guranta wara li taw is-saqaf meta dan kien ghadu mirfud.

Rat illi nhar l-4 ta' Novembru 2010 xehed il-Perit Jesmond Mugliett u ipprezenta ir-relazzjoni tieghu li giet markata bhala Dok JM u iddeskriva u ta struzzjonijiet sabiex certu hitan jinqalghu sabiex jigi evitat perikolu.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Dicembru 2010 fejn estendiet l-inkarigu tal-imsemmi Perit Tekniku sabiex jisma' il-provi u jirrelata dwar it-talbiet tal-atturi kif ukoll dwar it-talba rikonvenzjonali stante in-natura teknika tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Perit Joseph Bugeja prezentata fl-atti nhar l-14 ta Frar 2012 fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. *Illi l-esponenti mhuwiex il-legittimi kontradittur ghat-talba ta-rikorrenti Philip Xuereb et stante illi huwa ma kienx firmatarju u/jew parti mill-kuntratt ta' appalt imsemmi fl-avviz pprezentat mir-rikorrenti Philip Xuereb et u ghaldaqstant l-ebda pagament ma hu dovut mill-esponenti ghax-xoghol li sar mir-rikorrenti Philip Xuereb et fil-fond tal-intimati Joseph u Maria Mifsud.*
2. *Minghajr pregudiuzzju ghall-premess it-talbiet ta-rikorrenti Philip Xuereb et huma fil-konfront tal-esponenti infondati fil-fatt u fid-dritt.*
3. *B'riserva ghal kul eccezzjoni u bl-ispejjez.*

Rat ix-xhieda ta' Anthony Mallia moghtija minnu quddiem il-perit tekniku waqt l-access mizmuma nhar l-10 ta' Gunju 2011 (fol. 161) fejn spjea illi hu kien wiehed mill-bennejja li ppartecipa fil-bini tas-sular. Qal li t-tielet sular kien inbena kollu inkluz il-faccata bl-arkipjan u kif wiehed seta' jara mill-faccata, l-post kien intenzjonat li jissaqqaf fuq hdax-il filata ghax meta jinqala' l-kontrabejt, il-post jispicca msaqqaf fuq hdax-il filata.

Anthony Mallia qal ukoll li fuq il-pjanta bejn is-soll tal-balavostri u l-arkipjan, kien hemm biss erba' (4) filati u huma zammew hamsa(5). Is-soll tal-balavostri kien se jinhadem baxx. Ikkonferma li kienu qalu lill-klijenta li kien ahjar li kieku titla' filata ghola imma l-perit kien qalilhom sabiex ma jmissu xejn mill-faccata.

Il-Perit tekniku qal li 'il gewwa mill-veranda wiehed isib karma minghajr saqaf fuq genb tas-saqaf u ghal xi tmien metri wiehe isib saqaf imkisser, bil-hadid tal-flush beams mal-art. Il-bennejja spjegaw li f'zewg partijiet tas-saqaf kien hemm zewg flush beams u bejniethom xibka single. L-gholi tal-konkos fejn kien hemm ix-xibka kien ta' seba' pulzieri.

Anthony Mallia zied jispjega li meta nqala' x-shutter xi xahar wara li nghata l-konkos, innutaw li kien hemm hafna hair line cracks fis-saqaf. Fil-frattemp il-bennejja kienu bdew iqeghdu l-livell tal-penthouse. Meta ssejjah il-Perit Bugeja dan ippropona li jsir travu pastaz li wara jkun jista' jinkesa bil-gypsum. Il-konvenuta m'accettatx, iltaqghu xi darbtejn ohra u ddedicew li s-saqaf jitkisser. Anthony Mallia kkonferma dan kollu. Ikkonferma wkoll li l-konkos fil-parti tas-saqaf li twaqqa', meta kien ittestjat kien tella' sahha ta' 26 filwaqt li s-saqaf fuq wara kien tella' 19 flok 25. Anthony Mallia qal li l-bennejja kienu rrimarkaw li ma kinux qed jaraw li fil-parti tas-saqaf li twaqqa' kien hemm hadid bizzejjed. Dan qaluh lill-assistent tal-perit, certu Keith, li kien wegibhom li kien ghamel il-kalkulazzjonijiet sew. Il-konvenut Joseph Mifsud

ikkonferma li dan id-diskors kien sar fil-prezenza tieghu u qabel ma nghata l-konkos tas-saqaf li mbaghad twaqqa'.

Mallia zied li l-Perit Bugeja kien qal lill-konvenuta Maria Mifsud sabiex tas-saqaf ma thallashomx u li s-saqaf jerga' jinghata. Il-Perit kien qalilhom li hu kien ser igibilhom il-hadid u l-konkos hu. Skond Mallia, l-bennejja kienu rrimarkaw lill-Perit li tat-tkissir u tal-kompressur ma kinutx thallsu u qalilhom li mbaghad jirrangaw.

Sadanittant il-konvenuta kienet gabet Perit iehor, il-Perit Alan Saliba. Dan ghamel rapport fejn il-konkluzjoni principali kienet li s-saqaf jitkisser kollu. Il-Perit Saliba qal lill-konvenuta li hu kien lest jiehu responsabilita' tax-xoghol jekk jitkisser is-saqaf kollu.

Wara dan kienu ghamlu sentejn jippruvaw jilhqu ftehim imma dan ma ntlahaqx. Anthony Mallia qal li darba kien ghaddej minn quddiem il-fond in kwistjoni u ra l-arkipjan jitkisser u bicca saqaf jitkisser. Cempel lill-Perit Bugeja u staqsieh jekk il-konvenuta setghetx tkompli bix-xoghol meta huma kellhom pendenzi maghha. Wara dan il-bennejja ghamlu mandat, imbaghad saret kawza. Il-konvenuta wiegbet il-mandat u ghamlet kontro-talba. Il-mandat kien sar fuq hdax-il elf Ewro.

Il-Perit Tekniku staqsa jekk kienx hemm dizgwid fuq il-mod kif inbena t-tielet sular fuq wara. Malllia wiegeb li huma qalu lill-perit sabiex jaghmlu filata baxxa ma' kullimkien imma dan ma riedx ghax kien jirrizulta li toghla l-faccata. Fil-livell tal-penthouse (raba' sular) kienu waslu sa tmien filati fuq l-appogg u bejn sitta u tmien filati fid-divizorji. Wara li kissru s-saqaf u l-konvenuta bdiet tinsisti li jsir saqaf wiehed huma kienu waqfu mix-xoghol ghax ma kinux jafu min ser ihallas tas-saqaf ghax il-Perit kien qal li l-parti ta' wara tas-saqaf ma jitwaqqax. Il-konvenuta kkonfermat li l-Perit Bugeja kien waqqafhom milli jkissru l-parti ta' wara tas-saqaf. Is-Sibnjura Mifsud qalet li certifikati tas-sahha tal-konkos, huma inkluzi mar-rapport tal-Perit Alan Saliba.

Mallia qal li l-kumpanija li minghandha kienu xtraw il-konkos jigifieri Attard Brothers ukoll hadu samples u ghamlu testijiet. Anthony Mallia qal li sa fejn jiftakar hu, is-sahha registrata fit-testijiet li ghamlu Attard Brothers kien ta' 23.

Il-Perit Tekniku staqsa x'kien thallas mix-xoghol li ghamlu l-bennejja. Mallia qal li huma thallsu tat-tielet sular minbarra x-xoghol tal-konkos, jigifieri tas-saqaf bejn it-tielet sular u l-penthouse ma thallsux u tax-xoghol li sar fil-livell tal-penthouse ma thallsux.

Rat ix-xhieda tal-Perit Joseph Bugeja moghtija minnu quddiem il-perit tekniku nhar l-7 ta Mejju 2012 ( fol. 169) fejn spjega illi l-inkarigu tieghu kien jikkonsisti fit-tfassil tal-pjanti tat-tieni sular u penthouse, isegwi l-process tal-MEPA inklux sottomissjoni ta' pjanti godda minhabba tibdil fil-faccati rikjest u li jiehu r-responsabilita' bhal Perit tal-ezekuzzjoni tax-xoghol.

Mitlub jispecifika jekk dan l-inkarigu kienx jikkomprendi wkoll id-dizinn strutturali u s-supervizjoni tax-xoghol, il-Perit Bugeja qal li kien responsabbli ghad-dizinn tal-istruttura u li jaghmel spezzjonijiet meta kien necessarju imma ma kienx site manager. Il-Perit qal li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-hatra tal-bennejja min-naha tal-klijent. Kienet mghoddija lilu lista li tinkludi r-rati tax-xoghlijiet li kienet miftehma bjen il-klijenta u l-bennejja. Il-Perit Bugeja stqarr li x-xoghol beda qabel ma nhareg il-permess inkluz is-saqaf u kompla li hu ma kienx oggezzjona ghal dan sakemm dak li jsir ikun kollu sanzjonabbli.

Mistoqsi jekk l-ispezzjonijiet kien jaghmilhom hu personali, il-Perit Bugeja qal li hu ghandu numru ta' periti bil-warrant jahdmu mieghu u kienu huma li spezzjonaw ix-xoghol, partikolarment il-Perit Kurt Vella. Mistoqsi kif kien irrizulta li kien hemm hsara fis-saqaf, il-Perit Bugeja qal li meta tnehha l-armar kien hass il-htiega li ssir vista fuq is-sit u mar jara x-xoghol ma' Kurt Vella. Kien sab li s-saqaf kien diga'

tghabba bil-bricks. Mistoqsi kemm kien ghadda zmien minn meta nghata l-konkos sa meta hu mar jara s-saqaf, il-Perit Bugeja qal li l-ispezzjoni kienet saret fit-30 ta' Mejju 2008 (it-tnejn u ghoxrin gimgha tas-sena) u s-saqaf kien inghata fl-erbatax-il gimgha. Il-Perit Bugejaipprezenta kopja tat-testijiet li saru, li jikkonsistu f'cores li kienu crushed. Wara li kien sar interpretative report bejn il-core testa u cube tests li rrizulta li s-saqaf ta' barra tella' sahha ta' 27M/mm2.

Mitlub jispjega x'jigifieri li test sample kien crushed, il-Perit Bugeja qal li test wiehed sar, il-crushing ta' sample forma ta' cilindru konkos mehud mis-saqaf fejn kien hem mil-konsenturi. It-testijiet kienu taw sahha ta' 20N/mm2, li meta jkunu konvertiti ghall-cube strength ekwivalenti jaghtu valuri ta' 23N/mm2 u 31N/mm2 u ghalhekk valur medju ta' 27N/mm2.

Mitlub jippreciza jekk kienx mar on site anke qabel inqala' x-shutter ghax il-klijenta kienet irrimarkat li x-shutter kien iddendel, il-Perit Bugeja qal li hu ma jiftakarx li mar qabel, jista' jkun liu l-Perit l-iehor (Kurt Vella) kien mar hu, imma dan seta' jikkonfermah biss il-Perit Vella, li llum m'ghadux jahdem mieghu.

Mitlub jghid x'assessment kien ghamel meta ra s-saqaf, il-Perit Bugeja wiegeb li u ra konsenturi fil-forma ta' sieq ta' tigiega fil-wicc ta' taht (underside of slab) tas-saqaf u crack matul il-hajt tal-bedroom minn fuq. Il-Perit Bugeja ssottometta pjanta tal-konsenturi, Dok. PJB1 li kienet depozitata. Meta ra dawn il-konsenturi, ordna lill-bennejja li s-saqaf ghandu jinqala'.

Mitlub jispjega ahjar l-istruzzjonijiet li ta, x-xhud qal li hu spjega lill-bennejja sabiex jaghmlu 'saw cut' matul il-linji markati blu fuq il-pjanta Dok. PJB1, imbaghad ikissru bl-idejn sabiex il-partijiet li ma kinux ser jitwaqqghu ma ssirilhomx hsara. Mistoqsi ghaliex is-soqfa tal-kmamar ta' wara tat-tieni sular ma twaqqghux, il-Perit wiegeb li s-saqaf ta' dawn il-kmamar kien specifikat bhala C20 u l-core test ta' rizultat ta' C25 wara li saret il-konverzjoni. Mitlub jispjega x'hadid kien ordna, l-Perit wiegeb li bis-

sahha tal-konkos li rrizulta fit-test u l-hadid li kien ordna, s-saqaf tal-kmamar ta' wara u anke ta' l-ewwel kamra kienu adegwati. Il-Perit Bugeja qal li hu kien ikkonstata li l-konsenuta kienet shear crack li kienet saret b'impatt. Mistoqsi jekk kinitx waslitlu r-rimarka tal-bennejja li ghamlu lill-Perit Kurt Vella li l-hadid ma kienx bizzejjed, il-Perit Bugeja qal li kienet waslitlu u li hu kien rega' ghamel verifika dwar id-dizin strutturali fejn kien qabbad perit indipendenti, Andrew Ellul u dan ikkonferma li l-hadid kien adegwat.

Mitlub jipprezenta dokument li jindika r-reinforcement fis-saqaf, il-Perit Bugeja intrabat li jghaddi kopja tar-reinforcement details lill-Avukati.

Mistoqsi jikkonferma li lill-klijenta tieghu kien qalilha sabiex lill-bennejja ma thallashomx tas-saqaf, il-Perit qal li hu dak il-parti tas-saqaf li kellu jitwaqqa' ma kejlux u dwar il-hlas wara lid an jerga' jinghata, hu kien fi hsiebu jara wara. Dwar il-parti ta' quddiem hu kien ta l-parir li kellu jsir 'structural remediation' wara li kienu rrizultaw 'tension cracks' f'din il-parti tas-saqaf. Dawn mhux suppost hargu kieku l-bennejja ghamlu saw cuts kif ordnalhom. Kien ghalhekk li hu ordna li ssir 'structural remediation' bl-uzu tal-carbon fibre tape sabiex ma jitkissirx is-saqaf.

Mitlub xi jfisser dan l-istructural remediation, il-Perit Bugeja wiegeb lid an kien jikkonsisti filli jintuzaw carbon fibre tapes wara jinghata load test u s-saqaf jigi adegwat.

Mitlub jikkonferma li l-klijenta ma accettax l-istructural remediation, il-Perit Bugeja qal li mill-ewwel kejl esprimiet li ma kinitx sodisfatta bix-xoghol u li qabel ma tkun sodisfatta bix-xoghol hija ma kienet ser thallas xejn. Ghalhekk talab lill-klijenta tindika d-difetti u bdew jindirizzaw id-difetti wiehed wiehed. Saru tlett laqghat fuq is-sit, fejn attendew il-Perit Bugeja, il-Perit Kurt Vella, il-klijenta u xi drabi l-bennejja. F'dawn il-laqghat kienu jsiru suggerimenti sabiex ikun indikat dak li kellu jkun rimedjat imma fl-ahhar ta' kull laqgha kienet tinqala' xi haga gdida. Sadanittant il-

Perit avza lill-bennejja bis-sitwazzjoni u qalilhom li qabel ma jaghlqu l-issues tat-tielet sular, kien kollu ghalxejn ix-xoghol fuq il-penthouse. Infatti l-penthouse hu qatt ma kejlu jew spezzjonah.

Mistoqsi x'kienu l-issues li baqa' ma ntlahaqx qbil fuqhom bejn il-klijenta u l-Perit, ix-xhud qal li punt li dwaru ma kinitx kuntenta il-klijenta kien l-gholi tal-faccata. Il-Perit Bugeja qal li l-faccata nbniet l-gholi tal-permess bhall-ewwel u t-tieni sular. Fuq domanda li saritlu, l-Perit wiegeb li mill-konkos originali sas-saqaf kien hemm hdax-il filata. Mistoqsi wkoll kemm kien jirrizulta dan l-internal height meta wiehed jaghmel il-madum, jigifieri jekk l-gholi jonqosx, il-Perit wiegeb li dan l-gholi hu ma kejlux. Mistoqsi jekk kienx hemm issues ohra in kontenzjoni l-Perit qal li l-bennej kien baqa' ghaddej bil-hajt tal-appogg tal-bricks. Il-klijenta kienet partikolarment xtaqitu tal-gebel. Hu kien ipprepara ittra sabiex il-klijenta u l-gara jaccettaw flimkien li dan ikun tal-bricks. Din l-ittra qatt ma kienet iffirmata mill-klijenta jew mghoddija lill-gara.

Mitlub jispjega kif spicca l-inkarigu, l-Perit qal li hu ma jafx ezatt. Kien ghadu jfittex soluzzjoni imma hass li ma kienx qed ikun emmnut. Ghalhekk talab lill-klijenta li kien jidhirlu li ma kienx igawdi aktar il-fiducja taghha u ghalhekk talabha tinnomina perit iehor. Kien anke informa lill-bennejja dwar dan u kien qalilhom ukoll sabiex iqisu d-drittijiet taghhom. Xi zmien wara kien kitiblu l-Perit Alan Saliba li kien qed jaghti parir lill-konvenuta u hu kien staqsa lill-Perit Saliba jekk kienx ser jassumi r-responsabilita' tax-xoghol. Il-Perit Saliba qal li kien jassumi r-responsabilita' tax-xoghol jekk is-saqaf jitwaqqa' kollu. Darba fost l-ohrajn il-bennejja kienu qalulu li kien qed isir xoghol minghajr il-permess tieghu u ghalhekk kien kiteb lill-MEPA li kien qed isir xoghol minghajr il-permess tieghu u li ghalhekk ma setax jinzamm responsabbli.

Illi nhar il-21ta' Mejju 2012 ( fol. 193) il-Perit Joe Bugeja rega' xehed u ssottometta reinforcement plan li hu ddeskriva bhala l-interpretazzjoni tieghu personali mir-records tal-ufficcju. Il-Perit Tekniku talbu jikkjarifika jekk dawn kinux

jikkorrispondu ezatt mal-istructural calculations jew jekk kienx hemm sketches tal-hadid (reinforcement). Il-Perit Bugeja qal li kien hemm sketches tal-hadid li hu gabarhom b'mod organizzat fuq il-pjanta li kien qed jissottometti. Il-Perit Bugeja wera sezzjoni fuq ix-xellug tal-pjanta fejn indika l-kriterji tad-dizinn partikolarment is-sahha tal-konkos C25 – minhabba li wara li ttiehed it-test instab li s-sahha kienet teccedi – 30kN/m2. Indikazzjonijiet simili ghall-flus beams l-ohra kienu fuq il-lemin tal-pjanta.

Il-Perit Bugeja ddepozita wkoll ittra draft li hu kien hejja sabiex tkun il-bazi tal-ftehim bejn il-klijenta u l-girien taghha, liema ittra tistabilixxi li z-zewg partijiet jaccettaw li l-hajt tal-appogg ikun bricks tad-dobblu.

Il-Perit Bugeja qal li dan it-test kien hemm qbil fuqu waqt laqgha partikolari li saret mal-klijenta imma wara xi zmien din il-line of action ma baqghetx segwita meta l-konvenuta indikat in-nuqqas ta' qbil taghha mal-proposta.

Illi nhar l-10 ta' Dicembru 2012 (fol. 201) il-Perit rega' xehed in kontro-ezami u kkonferma li minn meta hareg il-permess tal-MEPA hu ffirma l-commencement notice, minn dakinhar mar fuq is-sit hu assistit mill-periti tal-ufficcju tieghu li huma kollha 'warranted' u fl-ebda hin ma dahal fuq is-sit perit li mhux 'warranted'. Qal li l-periti mill-ufficcju tieghu li assistewh, ix-xhud wiegeb li l-ewwel kien Dathan Muscat imbaghad Kurt Vella. Mistoqsi jikkonfermaw li qabel ma hareg il-permess kien imur fuq is-sit Kurt Vella, l-Perit ikkonferma. Mistoqsi jikkonferma dak li kien jghid wiehed mill-atturi, cioe' Philip Xuereb, li dejjem kien jiehu l-istruzzjonijiet minghand Kurt Vella, il-Perit wiegeb li qabel hareg il-permess Kurt Vella kien ghadda lil Philip Xuereb il-pjanti kif sottomessi lill-MEPA u pjanta li turi l-hadid propost ghas-saqaf u l-konkos propost. Mistoqsi jghid, minbarra l-visti li kien ghamel il-Perit Vella, kemm-il darba kien mar fuq il-fond hu personali, il-Perit wiegeb li ma jiftakarx. Mitlub jikkonferma dak li qal Philip Xuereb, cioe' li l-Perit Bugeja mar darba biss fuq

is-sit, jigifieri meta hargu l-konsenturi, l-Perit Bugeja qal li Xuereb mhux klijent tieghu u ma jhossx li ghandu jwiegeb ghalih, pero' hu jsostni li mar minn tal-anqas hames darbiet, dejjem akkumpanjat b'Kurt Vella u li kull vista kienet indipendenti u rilevanti. Mistoqsi liema kienet l-ewwel darba li mar fuq is-sit u x'kienet ir-rilevanza taz-zjarat li skond Xuereb kienet il-konsentura, l-Perit Bugeja qal li hu f'wahda miz-zjarat li mhux biss ha r-ritratti tal-konsenturi imma ha ritratti tat-tghobija tas-saqaf li jirrizultalu li kienet erba' darbiet id-design load. Dawn ir-ritratti gew esebiti bhala Dok. Dec 1, 2 u 3. Dawn ittiehdu fit-tielet gimgha ta' Mejju 2008. Mistoqsi jekk hax ritratti tal-irfid, il-Perit wiegeb li ma kienx hemm irfid. Ipprezenta Dok. Dec 4 u 5 li huma ritratti li juru l-konsenturi tas-saqaf minn taht. Mitlub jekk jikkonfermax dak li jghid Philip Xuereb li huwa kien jircievi struzzjonijiet tramite Kurt Vella, liema struzzjonijiet jinghataw mill-Perit Bugeja, ix-xhud wiegeb li x-xoghol kollu li sar qabel il-permessi sar suggett li jkun sanzjonabbli. Is-Site Management, li ma kienx hu jew l-ufficcju tieghu responsabbli ghalih, iddecieda li jibda qabel il-permess u hu kien indika li mhux ser ikejjel xejn li ma jkunx sanzjonabbli. Difatti dik il-parti tas-saqaf li kellha x-xquq, hu ma kejjilhiex.

Mistoqsi x'kienu l-fatturi tal-ewwel dizinn tar-reinforcement tas-saqaf, ix-xhud wiegeb li dawn huma indikati fil-pjanti tar-reinforcement tas-saqaf fejn hemm indikati il-live load u d-dead load. Wara li tkisser is-saqaf, is-sid u l-Perit qalu li kemm is-sid kif ukoll il-Perit kellhom sorsi minn fejn jingieb il-konkos u l-hadid u s-sid indikat li kellha sors minn fejn setghet iggib il-konkos u dan sabiex jinkoraggixxi lill-bennej. Ix-xhud kompla li t-tieni dizinn tal-hadid kien kondizzjonat mill-fatt li parti mis-serhan ta' dak is-saqaf ma setax jibqa' jserrah fuq flush beam li kien hemm u li mieghu saret il-qatgha meta tkisser is-saqaf, il-boundary conditions ta' kif kellu jserrah it-tieni cast kienu differenti u ghalhekk id-dizinn kien differenti.

L-avukat irrefera lill-Perit ghal dak li kien xehed Xuereb illi meta l-Perit Bugeja ra l-konsenturi dan kien offra li jhallas hu ghal certi spejjez. Mitlub jikkonferma dan, il-Perit qal li hu kien indika li kellu sors minn fejn seta' jgib il-hadid u l-konkos u kien

lest li jaghmilhom ghad-disposizzjoni tal-bennejja, l-istess bhalma s-sid kellu sors minn fejn igib il-konkos. L-iskop kien li ma jinzammx ix-xoghol. Sostna li Xuereb kien qed jigdeb. Rigward il-fatt li l-konvenut Joseph Mifsud xtaq li jitwaqqa' kollox izda huwa ma qabilx, il-Perit wiegeb li fuq l-interpretazzjoni tal-laboratorju akkareditat fis-sahha tal-konkos, ma qabilx li jitwaqqa' kollox ghax il-konkos hu skond l-ispecifizzjoni tad-dizinn. Dik il-parti tas-saqaf tal-kamra ta' barra li ma kienx qabel li titwaqqa' ghax kienet rimedjabbli strutturalment. Mistoqsi jikkonferma jekk indikax li jitkisser biss fejn kien hemm konsentura sieq ta' tigiega u mhux bnadi ohra, l-Perit qal li hemm diversi tipi ta' cracks. Wahda mill-kriterji li jiddeterminaw is-serjeta' hija l-hxuna tal-konsenturi. Hemm konsenturi li ghalkemm ikunu jezistu, saqaf xorta jkun integru. Mitlub jaqbilx mal-konkluzjoni tal-Perit Alan Saliba li f'kamra ta' quddiem fis-saqaf kien hemm konsenturi irqaq mit-tul kontra d-direzzjoni tax-xibka li ghalhekk kienu jindikaw li s-saqaf kien difettuz. Ix-xhud qal li hu jirrefereri ghal dawk il-cracks bhala imrewha u r-ritratt taghhom kien issottomettihom. Is-suggeriment tieghu kien li jsir structural reinstatement minn taht, flush ma' dak li hemm. Imbaghad isir load test biex jikkonferma li s-saqaf hu skond id-design load. Il-Perit Bugeja rega' tenna li bil-mikoroskopju tista' tara hafna cracks, li kienu vizibbli wkoll with the naked eye ghax kienu konsegwenza li l-qatgha ma kinux ghamluha skond l-istruzzjonijiet li kien ta hu.

Sahaq li hu kien ta struzzjonijiet li l-konkos fuq wara kellu jkun ta' sahha C25, pero' meta kien qed jinghata l-kokos, sampla tieghu ma ttehidx. Allura wara li rrizultaw ix-xqua hadu core sample, jigifieri samples fil-forma ta' cilindri. Spjega li meta tkisser cilindru s-sahha ma tkunx daqs dik ta' cube u ghalhekk hemm conversions sabiex tista' tqabbel like with like. Hadu aktar minn kampjun wiehed u meta hadu l-medja tas-saqaf kollu s-sahha li rrizultat kienet ekwivalenti ghal 27N/mm2. Ghalhekk wiehed jista' jghid li l-konkos li kien inghata kellu sahha ta' C25 ghax C25 jkopri range.

Mistoqsi jekk Philip Xuereb mexiex mal-istruzzjonijiet tieghu, wiegeb li x-xibka doppja ma rikkibhiex mal-kamra kollha u ghabba s-saqaf erba' darbiet aktar minn kemm suppost. L-Armar, jigifieri l-jacks saru fuq kontrabejt ohxon filata u ghalhekk kien hemm hafna torba taht il-jacks. Il-Perit Bugeja qal li d-decizjoni dwar kif jitqeghdu l-jacks ma jehodhiex hu ghaxi purament kwistjoni ta' kif wiehed jahdem.

Tqajmet ukoll il-kwistjoni dwar il-floor to ceiling height li fil-permess tal-MEPA kien hdax-il filata imma fir-realta' kien ser jirrizulta fi floor to ceiling height ta' ghaxar filati meta jinqala' t-torba u jerga' jitqieghed il-madum. Il-perit qal li wara li nhareg il-permess, meta kien ittestjat kollox kien baqa' xi jsir, jigifieri il-parti vicin il-faccata, fond ta' ghaxar piedi. Dik il-parti ssaqqfet fuq hdax-il filata. Il-Perit Bugeja ssottometta ittra Dok. Dec 6 li turi li dik il-parti tal-bini kienet ippreparata ghal hdax-il filata. Dan ir-ritratt ittiehed f'Novembru 2008.

Dwar it-tieni fil-faccata li normalment il-blata taghha tinzamm livell jew filata oghla mill-bibien interni, l-perit wiegeb li kollox sar skond l-elevation li hi parti mill-permess. Dwar l-arkipjani jiftakar biss li kienet xi haga dwar workmanship.

Illi nhar it-22 ta' Jannar 2013 (fol. 208) il-Perit Joe Bugeja rega' xehed in kontro-ezami. Mistoqsi mill-avukat tal-atturi jekk mill-hames zjarat li semma qabel li ghamel fuq is-sit, fil-fatt wahda minnhom biss saret fil-prezenza tal-bennejja, x-xhud qal li ma jiftakarx. Mitlub jispjega x'ried ifisser meta qal li wara li tkisser is-saqaf kemm is-sid kif ukoll huwa, wrew li kellhom sorsi minn fejn igibu l-materjal, wiegeb li din kienet soluzzjoni sabiex imexxu u x-xoghol ma jieqafx. Ikkonferma li hu kien offra materjal ghad-disposizzjoni tal-bennejja kif ghamel ukoll is-sid. Rigward hlas ghal tali materjal il-perit qal li din kienet xi haga li mbaghad jarawha wara is-sid, il-bennej u hu. Mistoqsi jekk meta ghamel dan il-materjal ghad-disposizzjoni tal-bennejja u sar certu diskors, jekk il-bennej weriex qbil li jaqsam dawn l-ispejjez, il-perit wiegeb li le. Zied li hu ma tkellimx mal-bennej dwar hlas. Dwar il-kwistjoni tal-materjal kompla jghid li hu kien qed jiffacilita l-process, u li anke s-sid kellha s-sorsi taghha. Zied li fl-

ahhar mill-ahhar ma ntuza xejn ghax is-saqaf ma nghatax. Stqarr li l-bennej qatt ma qallu li kien ser ihallas il-konkos hu. Sostna li kemm il-konkos li ma twaqqax u anke dak li twaqqa' kien skond l-ispecifikazzjonijiet. Mistoqsi jekk waqt li il-preparamenti ghall-konkos, hu kienx mar fuq il-post, qal li ma jiftakarx , imma wara li nghata mar zgur ghax ha r-ritratti. Qal li meta mar fuq il-post il-jakkijiet ma rahomx ghax ma kinux hemm, filwaqt li l-kontrabejt u t-torba kienu ghadhom hemm. Ikkonferma li l-bennejja kienu qalulu li kien ikun ahjar jekk izidu x-xibka w spjega li hu kien rega' ccekkja d-dizinji tieghu u kkonfermahom. Mistoqsi ghaliex allura la darba kien ikkonferma li l-bennejja kellhom jimxu mal-pjanti tieghu, ghaliex kellha titkisser dik il-parti tas-saqaf, il-perit wiegeb li din tkissret ghax irrizultaw cracks li jindikaw failure. Pero' sostna li xorta ma kienx jaqbel li kellu jizdied il-hadid ghaliex fil-fehma tieghu il-hsara li grat kienet konsegwenza ta' wahda jew aktar mill-fatturi segwenti:
Jew kien hemm overload jew sudden load;
Jew il-konkos kien ta' sahha jew hxuna inqas minn dak rikjest;
Jew inkella xi difett fl-armar tal-jakkijiet.

Mistoqsi jekk ivverifikax dawn il-fatturi, x-xhud wiegeb li zgur ivverifika l-overload u li dan jixhduh ir-ritrattyi li juru turrun ta' bricks li kienu jammontaw ghal 4 darbiet id-design live load. Mitlub jikkonferma li l-failure kien gej minn dan l-overload, wiegeb li dan il-fattur zgur ikkontribwixxa. Mistoqsi allura jekk meta ra din l-overload kienx ikkummenta, qal li hass li kellu jiccekkja mhux jikkummenta. Kien iddiskuta mal-Perit Kurt Vella fejn urih l-opinjoni tieghu, pero' barra mill-ufficcju ma qal lil hadd. Spjega li bhala norma x-shutters jinzammu bejn 15 u 21 gurnata wara li jinghata l-konkos u zied jikkonferma li f'dan il-kaz inzammu ghal 28 gurnata. Ikkonferma wkoll li l-faccata nbniet ta' hdax-il filata skond il-permess.

Dwar il-kamra ta' barra qal li ghalkemm hu kien issuggerixxi li din ma titwaqqax, is-Sur Mifsud ried li jitwaqqa' kollox inkluz il-kmamar ta' quddiem u wara. Mitlub jispicca kif intemm l-inkarigu tieghu, il-perit ipprometta li jghaddi elenku kronologiku tad-diskussjonijiet li fil-fatt gie sottomess nhar it-23 ta' April, 2013 (Dok. JM1).

Illi nhar it-23 ta' April 2013 (fol. 214) xehdet l-konvenuta Maria Mifsud. Din qalet li fil-bidu nett kienet marret ghand il-perit Bugeja biex tapplika ghall-permess biex tibni t-tielet sular u penthouse. Il-permess hareg wara sitt xhur. Sussegwentement il-bennejja kienu tawha r-rati tax-xoghol li jkunu applikati skont dak li jitkejjel, u dawn hadithom ghand il-perit u dan qalilha li kienu tajbin u hi accettathom.

Qalet li meta nbeda x-xoghol fuq il-post kien imur l-assistent tal-perit Bugeja, certu Kurt, u ziedet li dan kien imur biss meta kienet iccempillu hi. Meta mbaghad harget il-problema fis-saqaf, dan beda jmur aktar spiss. Fil-fatt qalet li hi ratu biss meta harget din il-problema u mhux qabel. Imbaghad qalet li meta mar il-perit Kurt, kienu tlestew il-hitan tat-tielet sular qabel inghata s-saqaf, u kien mar biex ikejjel il-hitan. Mitluba tikkonferma li dan kien mar qabel inghata s-saqaf, ix-xhud qalet li kien hemm arrangament biex jitkejjel is-saqaf apparti mill-gebla u ghalhekk riedet titkejjel il-gebla qabel is-saqaf. Imbaghad kompliet li meta kien qed jinghata s-saqaf la kienm mar il-Perit Bugeja u lanqas Kurt. Spjegat li l-konkos ghas-saqaf kien inghata f'gurnata u li zgur ittiehdet gurnata ohra biex sar l-armar. Kompliet li ma kellhiex impressjoni li kien mar xi hadd mill-periti f'dan l-istadju.

Kompliet tghid li wara li nghata l-konkos kienet cemplet lill-bennejja biex tara jekk kinux ser ibixxu s-saqaf u dawn kienu wegbuha li hi kienet ghadha l-antika u li huma kienu ghattew il-konkos bil-plastic biex izomm l-umdita' tal-konkos. Hi xorta riedet titla' fuq is-saqaf u osservat li kien izzaqqaq min-nofs. Ghalhekk cemplet lill-bennejja u dawn qalulha tghid lill-perit. Qalet li l-bennejja mill-ewwel kienu marru fuq il-post u kienu qalulha "Ahna ghidnilu lill-perit sabiex jaghti hadid izjed". Ix-xhud qalet li l-parti li zzaqqet kienet fejn hemm l-open plan. Hi kienet prezenti meta marru l-periti, li fil-fatt kienu marru t-tnejn. Taf zgur li l-ewwel suggeriment tal-perit Bugejha kien li jirfdu s-saqaf b'xi travu u li hi wegbitu li dan ma kienx razzett. Qalet li l-perit u l-bennejja ma kinux qed jiftehmu bejniethom fuq il-ghaliex kien izzaqqaq is-saqaf. Il-bennejja bdew isostnu li kien ghaliex il-perit ma uzax hadid bizzejjed, pero' x'kienet it-twegiba tal-perit ma tafx. Mistoqsija tiftakarx x'diskors kien sar bejn il-perit u l-

bennejja din qalet li ma kinitx prezmeta ltaqghu fl-ufficcju f'Hal-Qormi, pero' wara l-bennej kien mar jghidilha li kienu ser ikissru u jergghu jaghtu l-konkos. Qalilha "issaqsiniex xi ftehmna". Sadanittant hija qabbdet perit iehotr li qalilha li kien se jiehu responsabilita' hu u li x-xoghol ried jitkisser kollu.

Kompliet tirrakkonta li mat-tkissir hargu iktar xquq. Kien ghad fadal il-parti tal-veranda fuq quddiem li mbaghad tkissret ukoll. Qalet li lill-perit kienet qaltlu li ma kinitx lesta li jitkisser biss nofs is-saqaf. Qalet li lill-bennejja hallsithom tal-gebla w bdew inaddfu. Mistoqsija jekk tkellmitx maghhom dwar il-hsara, x-xhud qalet li dawn ma ridux jghidulha xi ftehmu mal-perit.

Illi nhar is-7 ta' Mejju 2013 (fol. 219) xehed l-konvenut Joseph Mifsud. Dan spjega li hu u ommu kienu ddecidew li jaghmlu alterazzjoni u estenzjoni fi Plot 9, Triq Dun Gelard Mangion, Imqabba u allura beda jfittex min kien se jahdmilhom u sab lill-atturi Maurizio Gauci, Anthony Mallia u Philip Xuereb. Sadanittant ommu kienet inkarigat lill-Perit Bugeja biex jiehu hsieb il-pjanti u l-applikazzjoni mal-MEPA. Qal li segwa x-xoghol il-perit Kurt Vella mill-ufficcju tal-Perit Bugeja. Qal li l-Perit Vella mar fuq il-post sabiex jara, jitkellem magghom dwar xi xtaqu jaghmlu fejn kienu qalulu li riedu jestendu sular u penthouse. Il-bennejja tawhom lista tal-prezzijiet li mbaghad urewhom lill-perit li qalilhom li setghu imexxu, u allura huma accettaw ir-rati. Sakemm kienet processata l-applikazzjoni, l-bennejja kienu marru fuq il-post biex jaraw kif ser jahdmu u bdew jippreparaw biex jibdew jibnu min-naha ta' wara.

Ix-xhud qal li fil-frattemp huma ltaqghu mal-perit Vella u mal-bennejja xi darbtejn u dan sabiex il-perit jispjegalhom x'hemm bzonn li jsir. Il-perit kien indikalhom biex jibdew jibnu fuq in-naha ta' wara biex sakemm jaslu ghall-faccata jilhaq johrog il-permess. Beda tiela' x-xoghol u waslu sas-saqaf imma l-faccata kienu ghadhom ma tellawhiex. Hekk kif waslu ghall-faccata, hareg il-permess.

Kompla jispjega li l-bennejja ghamlu x-shutters, firxu l-hadid u ghamlu l-flushbeams kif qalilhom il-perit. Qabel ma taw il-konkos il-perit Vella kien mar fuq il-post fejn il-bennejja kienu talbuh jiccekkja jekk kienx kollox sew rigward ix-xibka u hadid, fejn staqsew partikolarment jekk kienx hemm hadid bizzejjed, b'mod spjecjali fl-area tal-open plan. Qal li l-konkos kienu gabuh minghand Attard Brothers. Dan kellu jkun grade 25 fuq quddiem u wara tal-binja. Zied jispjega li meta kienu ghaddew 5 gimghat minn meta taw il-konkos, il-bennejja kienu gabu zewg trailers bricks u qeghduh fuq is-saqaf li sa dak il-hin kien ghadu armat bix-shutter. Sadanittant bdew jibnu fuq is-saqaf il-gdidu kienu tellghu xi 4 filati fil-hitan divizorji u 8 filati fl-appoggi fil-livell tal-penthouse.

Meta l-bennejja qalghu ix-shutters, hu mar jara x-xoghol. Kien mar filghaxija, pero' mill-ewwel innota l-konsenturi minn taht is-saqaf. Tela' fuq u ra konsentura minn appogg sa appgg, ezatt minn max-shaft ghall-appogg ta' faccata. Kif ra hekk ikkuntattja mill-ewwel lill-perit Bugeja. Dan mar jara u ssugerixxa li jsir travu pastaz f'dik il-parti. Hu tkellem m'ommu u ddecidew li jaghmlu testijiet tal-konkrit fil-laboratorju tal-perit Bugeja stess, cioe' Solibase Lab.

Irrizultat diskrepanza bejn il-parti ta' quddiem, fejn kien hemm il-konsentura, li tellghet sahha ta' 26, u l-parti ta' wara li tellghet 20. Hawnhekk kellem lil Attard Brothers li wkoll marru jaghmlu t-testijiet taghhom fejn irrizulta li fil-parti ta' quddiem kien hemm sahha ta' 26 u f'ta' wara kienet 22. Sadanittant hu w ommu iddecidew li ma ridux jaghmlu travu. Ix-xhud qal li hu kellem lill-bennejja u lill-perit Bugeja. Il-periti qalulhom li ghalkemm is-sahha ta' wara kienet telghet biss 20, setghet tghaddi xorta. Dwar il-cracks ta' quddiem mar kellem perit iehor, Alan Saliba. Dan mar fuq il-post, ha ritratti tal-konsenturi u skond ma fehmu hu s-saqaf ma kienx b'sahhtu bizzejjed. Wara dan rega' kellem lill-perit Bugeja li baghat nies mil-laboratorju biex jaghmlu test min-naha ta' isfel tas-saqaf.

Ix-xhud qal li wara dak li kien qallu l-perit Saliba, u anke l-fatt li l-perit Bugeja ried li jsir travu minn taht, geghlu jikkonkludi li s-saqaf ma kienx b'sahhtu bizzejjed. Sadanittant ix-xoghol waqaf u beda argument bejn il-perit u l-bennejja, fejn inqalghet il-kwistjoni li l-bennejja setghu ghabbew is-saqaf iktar kmieni minn dak suppost avolja kien ghadu bix-shutter. Il-bennejja qalu li sakemm is-saqaf ikun ghadu armat bix-shutter, ma ssirlux hsara. Hu u ommu nfurmaw lill-perit li ma ridux is-saqaf f'dak l-istat.

Hawnhekk bdew diskussjonijiet bejn il-perit u l-bennejja dwar x'seta' jsir. Ix-xhud qal li hu ma jafx x'kien diskuss, jaf li darba l-bennejja kienu nfurmawh li l-ghada kienu sejrin ikissru l-parti tas-saqaf open plan li kien ixxaqqaq.

Nel frattemp il-girien kienu ghamlu ittra peress li kien hemm 8 filati appogg mibnija in arja u bezghu li seta' kien ta' periklu u jaqa' l-hajt appogg fil-proprjeta' taghhom. Dwar dan tkellmu mal-perit Alan Saliba, ghax hassew li ma setghux jibqghu jafdaw lill-perit Bugeja minhabba l-fatt li ma kinux jafu x'kien qed ikun diskuss bejn dan il-perit u l-bennejja. Il-Perit Saliba kien qalilhom li jekk kien se jidhol responsabbli, hu kien tal-fehma li l-parti ta' wara titkisser ukoll.

F'dan il-perjodu kien ukoll ghamel il-maltemp u waqa' hajt divizorju minnhom. Meta l-girien kienu ghamlu l-ittra dwar l-appogg, il-bennejja kienu marru w baxxew il-hajt u hallew xi filati. Ix-xhud zied jghid li meta huma talbu li s-saqaf jitkisser kollu, l-bennejja u l-perit bdew iwahhlu f'xulxin. Ommu baqghet tinsisti mal-perit li jsir saqaf kompletament gdid kollu, izda dan baqa' jghid li l-parti ta' wara tghaddi. Lill-bennejja hallashom tas-sular, jigifieri tal-appoggi, divizorji u l-parti tal-faccata li lahqet saret, izda mhux tas-saqaf. Huwa w ommu baqghu jinsistu li jsir is-saqaf kollu mill-gdid u spiccaw fil-Qorti.

In kontro-ezami x-xhud gie mistoqsi sabiex jikkonferma li l-parti fejn hareg il-qsim kinitx parti fejn qabel inghata l-konkos, l-atturi kienu gibdu l-attenzjoni tal-perit Vella

biex jizdied il-hadid, u huwa qal li l-bennejja kienu staqsew lill-perit jekk il-hadid kienx bizzejjed. Ghal darb' ohra gie suggerit lilu li l-bennejja kienu ndikaw lill-perit li fil-fehma taghhom kellu jizdied il-hadid u x-xhud qal li hu jiftakar lill-bennejja jaghmlu dik il-mistoqsija u lill-perit Vella jwiegeb li hu kien ghamel il-kalkoli tieghu u jistghu jipprocedu billi jaghtu l-konkos. Il-konkos kien inghata bil-pompa. Ix-xhud obbliga ruhu li f'seduta ohra jipprezenta r-ritratti li kien ha l-perit Alan Saliba. Dan kien hejja wkoll rapport. Ir-ritratti flimkien mar-rapport gew esebiti fis-17 ta' Mejju 2013 (PH1 sa PH6 u As1 rispettivament).

Illi nhar l-14 ta' Gunju 2013 ( fol. 227) xehed il-Perit Kurt Vella u kkonferma li gab il-warrant ta'perit fi Frar 2008 u ilu jipprattika minn meta ggradwa fl-2006. Kien jahdem mal-perit Bugeja fuq bazi full time minn Lulju 2006 sa Awissu 2008. Qabel kien jahdem bhala student fl-ufficcju tal-istess perit Bugeja li jigi wkoll zijuh. Qal li mill-partijiet jaf lil Philip Xuereb l-attur u lill-konventi Mifsud.

Mistoqsi x'kien l-involviment tieghu fil-progett tal-konvenuti, x-xhud wiegeb li l-irwol tieghu kien bhala perit mill-ufficcju ta'Bugeja and mill-bidu sakemm il-perit Bugeja kien baghat ittra lill-konvenuti sabiex jinhall mill-inkarigu. Ikkonferma li kien hu li hejja l-pjanti relattivi u kien ukoll hu li kjien ifiehem lill-bennejja kif ghandhom jahdmu skond il-pjanti.

Mistoqsi jiftakarx li l-bennejja kienu qalulu li ma kinux qed jaqblu mal-hadid, wiegeb li ma jiftakarx li qalulu hekk qabel ma hargu l-konsenturi. Kien wara li kkummentaw li forsi l-hadid ma kienx bizzejjed. Mistoqsi kemm-il darba l-perit Bugeja acceda fuq il-post, qal li jahseb li xi tliet darbiet, darba minhabba l-floor to ceiling height u darba ohra minhabba l-konsentura. Mistoqsi jekk dan accediex qabel harget il-konsentura qal li l-kwistjoni tal-floor to ceiling kienet qabel il-konsentura.

Mistoqsi kemm-il darba hu personalment acceda fuq is-sit, qal li mar sitt darbiet zgur, anke aktar. Mar xi darbtejn fi stadju ta'tfassil ta'pjanti, meta kien qed jitfassal ix-

xoghol, xi darbtejn dwar il-floor to ceiling height, darba ohra meta kien qed isir l-armar. Zied jghid li kif inqala' x-shutter il-bennej avzahom li kien hemm konsentura. Hu u l-perit Bugeja marru fuq il-post u kienu ftehmu mal-partijiet li dak il-parti tas-saqaf tinqata' u titkisser u terga' tinghata mill-gdid. Zied li pero'dwar hlas ma jafx x'gie miftiehem, ghalkemm jaf li kien miftiehem li l-konkos jingieb minn certu supplier partikolari. Qal li jaf li x-xoghol tal-qtugh sar, imma xejn aktar. Jaf li kien hemm divergenzi, fis-sens li s-sidien riedu li s-saqaf jinqala' kollu u meta ma ntlahaqx qbil il-perit Bugeja informa lill-MEPA li l-ufficju tieghu kien qed itemm l-inkarigu. Ikkonferma li x-xoghol tieghu kien jinkludi d-disinn strutturali li kien verifikat internament mill-perit Bugeja.

Spjega li ntaghzel supplier tal-konkos partikolari, ghaliex meta gie deciz li s-saqaf jitqatta' ma kellhomx ir-rizultati tat-testijiet u riedu jaccertaw li jkun supplier tajjeb. Stqarr li fwara li falla s-saqaf, l-ewwel haga li saret kienet li rega'gie ccekkjat id-disinn strutturali minn perit minn barra l-ufficcju.

Mistoqsi jekk il-bennejja mxewx dejjem mal-istruzzjonijiet tieghu, wiegeb li qatt ma kellu dizgwid imma kien ra xi ritratti tax-shutter armat u l-hadid fuqu u osserva li x-xibka ma tibqax tidhol gewwa l-flush beam imma tasal mieghu. Mistoqsi jekk jirrizultalux li s-saqaf kien mghobbi bil-bricks, ix-xhud qal li hu mar ikejjel wara li nghata l-konkos. Ix-shutter ma kienx ghadu nqala'. Mistoqsi jiftakarx li s-saqaf kien mghobbi bil-bricks dak il-hin, qal li hu kejjel minn taht imma kien jaf li qed jittella' l-hajt tal-appogg bil-bricks. Meta nqala' x-shutter telghu fuq u raw li s-saqaf kien mghobbi. Kellu madwar tmien bricks imqeghda fuq l-arja kollha, izda ma jafx kemm kien ilu mghobbi.

Mistoqsi jekk l-istruzzjonijiet li taw biex jitqatta' s-saqaf gewx segwiti, wiegeb li hu ma kienx hemm meta tqatta's-saqaf, imma mir-ritratti, li kien ra qabel il-kawza, jidher li s-saqaf ma giex maqtugh minn qabel u ghalhekk il-konsentura mxiet. Rigward il-hadid uzat sostna li kollox kien skond il-pjanta, bl-eccezzjoni li x-xibka doppja ma

kinitx tidher diehla taht il-flush beam. Mistoqsi jekk ix-xibka doppja li tidhol taht il-flush beam kienx ra qabel inghata l-konkos, ix-xhud qal li hu ma kienx ra l-hadid imma ddiskutih minn taht l-armar.

Illi nhar id-9 ta' Lulju 2013 ( fol. 232) xehed il-Perit Alan Saliba. Mistoqsi x'kien ikkonstata fir-rapport tieghu, ix-xhud wiegeb li kif jidher fir-rapport il-kwistjoni si tratta fuq l-gholi intern tas-sular, il-kwalita' tal-konkos tas-saqaf u l-gholi tal-blata. Zied li fir-rapport kien tratta l-kwistjoni dwar ir-rata ta' hlas ghax-xoghlijiet ghal qtugh tal-kontrabejt u mili bil-konkos. Spjega li l-konkluzjonijiet tieghu ibbazahom wara li ghamel access fuq il-post u skond id-dokumenti li kienet ghaddietlu l-konvenuta.

Mistoqsi x'kienu l-konkluzjonijiet qal li dwar l-gholi ntern, dan kellu jkun fuq hdax-il filata imma fil-fatt qieghed ghaxra, il-grad tal-konkos suppost kien C25 u sar C19.5, il-blata tat-tieqa hija mill-inqas filata iktar baxxa milli kellha tkun u l-prezz tal-qtugh tal-kontrabejt u mili bil-konkos huwa minfuh b'€518 ghax ir-rata kienet gholja.

Mistoqsi jekk ikkonstatax xi difetti fil-konkos, zied li hu kien innota qsim fis-saqaf, li kienu kontra d-direzzjoni tax-xibka u hu kien ikkonkluda li dan kien rizultat tal-konkos difettuz. Mistoqsi fuq min jaqa' l-obbligu li jara li l-konkos ma jkunx difettuz, wiegeb li dan hu responsabilita' tal-bennejja. Zied li wiehed irid jara jekk il-bennejja kinux ordnaw konkos C25 u mbaghad jara jekk is-supplier kien issupplixxa dak li ordnawlu. Zied jispjega li l-perit jordna lill-bennej x'konkos igib u l-bennej irid jara li jaghti l-konkos skond l-ispecifikazzjonijiet tal-perit. Pero'stqarr li dawn it-testijiet mhux dejjem isiru. Qal li jaf li l-plant fejn isir il-konkos isiru testijiet regolari tax-xoghol li jkun hiereg u li s-sahha tal-konkos tista' tvarja minn kemm idum biex jinghata l-konkos u jekk jizdiedx ilma.

Mistoqsi dwar ir-rimedji tad-difetti u kemm kienu jqumu l-ispejjez ix-xhud qal li tali stima ma kienx inkarigat jaghmilha. Zied li ma jistax johrog stima ghax m'ghandux

il-qisien u l-kwantitajiet relevanti. Ghalkemm sostna li ma kienx hemm izjed difetti barra dawk li semma, qal li ma jeskludix ghax kienu ghaddew numru ta'snin minn meta ghamel ir-rapport. Irrepeta li bl-informazzjoni biss li kellu ma setax johrog stima.

Mitlub jghid fejn kien ix-xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti, x-xhud qal li zgur li kien hemm hsara fis-saqaf tat-tieni sular u qal li meta kien mar fuq is-sit kien hemm parti mis-saqaf li kien diga' tqatta'. Spjega li Ritratt 01 juri s-saqaf li tkisser, 02 juri l-arkipjan tat-tieqa li qieghed baxx (mill-art sal-arkipjan hemm seba'filati), 03 juri li l-arkipjan qieghed filata aktar baxx mill-bieb minflok tal-istess gholi jew filata oghla. Ritratti A u B kienet ghaddithomlu l-konvenuta. Rigward il-pjanta tas-sezzjoni (Dok MEPA) proposta mal-permess qal li din tindika li t-tieni sular suppost kellu jissaqqaf fuq hdax-il filata meta fil-fatt dan sar fuq ghaxra. Qal li hu bbaza fuq il-prattika. It-test tal-konkos ukoll taghtulu l-konvenuta u lill-bennejja nvoluti ma jafhomx. Rigward il-hsara tas-saqaf ix-xhud qal li hu ma dahalx fl-adegwatezza tar-reinforcement. Spjega li hu kien ikkonkluda li s-saqaf kollu kien difettuz abbazi tat-test provdut lilu mis-sinjura Mifsud.

Mistoqsi ghaliex kien ikkonkluda li s-saqaf kollu kien difettuz, ix-xhud qal li mis-saqaf li kien baqa', kien hemm il-parti ta'quddiem li kellha l-qsim, kien hemm it-test Dok SB li wera nuqqas ta' sahha in generali u l-gholi ntern li kien filata anqas u ghalhekk kellu jitkisser kollu jekk is-saqaf kien ser joghla filata.

Mistoqsi jekk meta jinqala'l-kontrabejt kien jirrizulta hdax-il filata, ix-xhud qal li l-kontrabejt ma kienx inqala' u kien ikkonkluda w anke kkonferma mal-klijent li dan kien ser jibqa' ghax anke l-blajjet tal-bibien kienu tmien filati fuq il-kontrabejt. Jekk jinqala'l-kontrabejt kienu jkunu fuq disa'filati.

Fuq domanda li saritlu jekk ikkonkludiex li s-saqaf kien hazin ghax kien hemm il-qsim, il-perit Saliba wiegeb li jekk ma jkunx hemm qsim u ma jsirux testijiet li juru sahha ta'konkos inqas minn dak indikat, wiehed ikollu jikkonkludi li s-saqaf tajjeb.

Mistoqsi jekk setax saqaf johroglu difetti jekk il-grad ikun tajjeb, bhal per ezempju li ma jkollux hadid bizzejjed, ix-xhud qal li hemm fatturi diversi li jistghu iwasslu ghall-falliment ta'saqaf imma xibka nieqsa tista'tkun kawza. Huwa kien mar fuq is-sit fl-20 ta' Ottubru 2008 u fuq is-saqaf difettuz kien ra xi ftit bricks imxerrda l'hemm u l'hawn kif jidher fir-ritratt 01 tar-rapport.

Mistoqsi dwar cube tests li jindika s-sahha akbar li ttiehdu mis-sit, ix-xhud wiegeb li ghandu test li juri 27 u dan kien tal-parti li tkissret. Ir-rapport jindika filfatt li dawn kienu kollha tat-tieni sular. Dal li juri 19.5 huwa tal-bedroom are, jigifieri fuq wara.

**Il-Perit Jesmond Mugliett** xehed fil-25 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' din il-kawza u l-eccezzjonijiet. Filfatt huwa kien diga pprezenta r-relazzjoni promotur tieghu u nghata zieda fl-inkarigu tieghu u qal illi in segwitu zamm tnax-il seduta u access. Huwa tenna illi s-seduti huma kollha konkluzi u r-rapport huwa kwazi lest u jkun f'pozizzjoni li jipprezenta r-relazzjoni tieghu fi zmien gimghatejn.

**Il-Perit Jesmond Mugliett** xehed fil-15 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat b'digriet ta' din il-Qorti u qal li effettivament ir-relazzjoni tieghu llum jinsab f'pozizzjoni biex tigi prezentata. Filfatt ipprezenta kopja ta' din ir-relazzjoni li l-Qorti mmarkat bhala Dokument JM. Huwa kkonferma wkoll illi kien gie mhallas tas-servizz tieghu.

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku l-Perit Jesmond Mugliett fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*"Illi ghalhekk il-kunsiderazzjonijiet principali jridu jiddeterminaw jekk:-*

*A. Jekk kienux il-intimati li kissru l-obbligi kontrattwali taghhom jew kienux l-rikorrenti li abbandunaw ix-xoghol*

*B. Jekk ix-xoghol sarx skond is-sengha u l-arti, partikolarment*
*i. gholi tas-sular, l-gholi tal-arkipjan fuq il-faccata,*
*ii. jekk id-dizinn strutturali kienx tajjeb,*
*iii. jekk it-testijiet tal-konkos jippruvaw li l-konkos kien ta' sahha skond kif rikjest*
*iv. jekk kienx hemm nuqqas mill-benej fl-armar jew fil-firxa ta' hadid jew fl-armar tax-shuttering*
*v. jekk kienx hemm nuqqas mill-bennej waqt it-tkissir tas-saqaf*

*C. Jekk il-konvenuta soffrietx danni minhabba xoghol hazin u agir abbuziv.*

***A: Jekk kienux il-intimati li kissru l-obbligi kontrattwali taghhom jew kienux l-rikorrenti li abbandunaw ix-xoghol***

*L-esponent ra l-Affidavit ta' Philip Xuereb, wiehed mill-rikorrenti fejn dan irrileva kif svolgew diversi fatti. L-esponent ra wkoll ix-xhieda u kontroezami ta' Maurizio Gauci. Minn dawn iz-zewg xhieda jirrizulta li:*
*Il-konvenuta Maria Mifsud qatt ma kecciet jew waqfet lill-bennejja milli jkomplu x-xoghol taghhom*

*Illi wara li tkisser is-saqaf li kien indika l-Perit Bugeja hargu konsenturi fuq is-saqaf ta' quddiem, tant li dan kien jehtieglu jitkisser ukoll.*

*Illi l-Perit Bugeja qal li l-konsenturi f'din il-parti tas-saqaf hargu ghax il-bennejja (l-rikorrenti) ma ghamlux qatgha fil-konkos u s-saqaf ta' quddiem soffra danni kawza tal-vibrazzjonijiet tat-tqattiegh. Dan il-punt qatt ma gie respint mill-rikorrenti.*

*Illi l-intimati ma kienux involuti fid-diskussjonijiet ta' xoghlijiet sabiex ikunu rimedjati l-hsarat u li tali diskussjonijiet saru bejn il-Perit u l-bennejja.*

*Illi l-konvenuta ma riedetx li jkollha saqaf maghmul f'zewg partijiet, wiehed dak li kellu jithalla (fuq wara u quddiem nett) u l-iehor dak li kellu jinghata mill-gdid (il-living area li tkissret). Illi minhabba r-rizenja tal-Perit Bugeja, il-konvenuta kien jehtiegilha ssib Perit iehor u l-Perit tal-fiducja taghha li ried jidhol ghall-inkarigu ma riedx li jidhol responsabbli ghal struttura b'saqaf li hu qisu ta' sahha anqas milli suppost.*

*L-esponent ra Artiklu 1640 (1) tal-Kodici Civili li jghid: Min jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt ghalkemm ix-xoghol ikun diga beda u subArtiklu 1640(3) Jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez tal-appaltatur u tal-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies tal-utilita' ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta' x-xoghol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*

*Il-konvenuta ghalhekk kienet gustifikata li twaqqaf ix-xoghol ghax ma nghatatx rimedji sodisfacjenti mill-kuntrattur imqabbad minnha originarjament. Il-konvenuta zgur li ma kellha l-ebda tort filfatt li s-saqaf sar difettuz. Il-kuntrattur kien hass li l-Perit kellu jirrisolvi l-problemi, imma l-Perit waqqaf l-inkarigu tieghu u dawn l-azzjonijiet wasslu ghal sitwazzjoni ta' impass.*

***B. Jekk ix-xoghol sarx skond is-sengha u l-arti***

***I. L-gholi tas-sular u l-arkipjan***

*L-esponent Perit Nominat ra l-pjanti tal-permess, PA4544/07, partikolarment il-pjanta tal-faccata (Proposed Elevation) kif ukoll il-pjanta li turi sezzjoni trasversali mill-bini propost, (Proposed Section AA). Minn pjanta tal-facca jirrizulta illi fuq il-*

*filata tas-saqaf ezistenti tat-tieni sular (first floor) hemm cinta ta' tlett filati u fuqha soprabank ta' nofs filata. L-arkipjan tal-veranda kellu jkun fuq tmien filati mis-saqaf ezistenti. Minn fejn jibda l-arkipjan ghal taht is-saqaf gdid tat-tielet sular (second floor) kien hemm propost tlett filati. Il-faccata kien ghalhekk proposta fuq hdax il-filata.*

*Meta wiehed iqabbel kif filfatt inbniet il-faccata, l-unika differenza li hemm hija li c-cinta hija ta' tlett filati u nofs u fuqha hemm nofs filata sopra bank. L-istess sopra bank ma nbeniex il-wisa kollha kif hemm fil-pjanta tal-permess imma fil-fethiet biss. L-arkipjan huwa mibni fuq tmien filati u jikkonferma mal-pjanta.*

*Minn dan ghalhekk wiehed ma jistax jikkonkludi li kien hemm xi xoghol mhux skond l-arti u s-sengha. Il-fatt li c-cinta hija nofs filata ghola minn dak indikat fil-pjanti tal-permess hija filfatt pozittiv ghax kieku kienet tkun baxxa u perikoluza.*

*Illi meta wiehed jezamina l-pjanta tas-sezzjoni transversali (Proposed Section AA) jirrizulta li kien propost clear height ta' 2.9m, jigifieri hdax il-filata bejn wicc l-art u s-saqaf. Il-bibien interni tal-kmamar huma murija li kien ser ikollhom l-gholi ta' blata bhala 1.85m li jirrizulta ekwivalenti ghal seba' filati. Dan l-gholi propost tal-bibien interni huwa pjuttost baxx ghax in-normal huwa ta' tmien filati. L-gholi tar-railings huwa muri bhala 90 centimetru. Zgur ghalhekk wiehed jikkonkludi li l-hdax il-filata indikata fil-pjanta huma clear finished floor to ceiling height, ghax kieku kemm ir-railings kif ukoll il-bibien kien jehtiegu jkunu ndikati differenti.*

*Meta wiehed iqabbel il-mod kif imbaghad inbena s-sular wiehed isib li l-kontrabejt fuq it-tieni sular kien thalla u kienu saru trinek fl-istess kontrabejt sabiex il-filata tinbeda minn fuq il-konkos li tferra f'dawn it-tinek. Il-bibien interni ghandhom il-blata tmien filati u bicca fuq l-istess wicc tal-kontrabejt. Is-sottoskritt ghalhekk jikkonkludi li meta kien qed isir ix-xoghol tal-bini ma kienx hemm hsieb li jinqala l-kontrabejt.*

*Filfatt il-kont tal-kejl tax-xoghol jinkludi item 'Cutting of kontrabejt and refill trenches in C20 concrete in order to foot loadbearing walls'. Kien ikun hafna aktar cost effective kieku kien il-hsieb li l-kontrabejt jinqala eventwalment, li dan jinqala kollu f'daqqa milli l-ewwel isiru trinek fejn hemm il-hitan imbaghad jinqala l-kontrabejt bejn il-hitan wara li dawn jinbnew.*

*Mill-affidavit ta' Philip Xuereb, punt 4, jirrizulta li l-bennejja kienu gidbu l-attenzjoni tas-sid li qabel isaqqfu ahjar izidu filata f'dan is-sular. Skond l-istess Philip Xuereb, l-assistant bi qbil ma Mifsud qalilhom sabiex jimxu mal-pjanti taghhom. Dan il-punt jindika li l-fatt li jitkisser il-kontrabejt ma kienx il-hsieb originali meta nbeda l-bini. Seta kienet proposta ad hoc waqt il-progress tax-xoghol sabiex jintlahaq l-oggettiv ta' hdax il-filata. Kieku kellu jinqala l-kontrabejt, xorta wahda kien ikun jehtieg li eventwalment jinfirex ammont ta' torba ma kullimkien sabiex jindifnu xi pipes tas-sistema tad-dawl u plumbing. Ghalhekk l-gholi ta' 2.91m clear height qatt ma seta jirrizulta ezatt.*

*Il-Ligi Sanitarja u n-normi tal-MEPA jistabilixxu minimu ta' 2.75m bhala l-floor to ceiling height. L-gholi li kien jirrizulta kieku nqala' l-kontrabejt kien ikun ta' xi 2.8m li xorta huwa skond il-ligi Sanitarja. Wiehed ghalhekk ma jistax jikkonkludi l-gholi ntern huwa kontra l-arti u s-sengha ghax floor to ceiling height ta' 2.80m huwa gholi komuni, u accettabli f'binjiet f'Malta. Jibqa l-fatt li mhux perfettament konformi mal-pjanti u li l-konvenuta wara li nghata s-saqaf tat-tielet sular bdiet tinsisti li l-hdax il-filata jkunu clear height.*

***II. Kunsiderazzjoni tad-dizinn strutturali tas-saqaf***

*Is-sottoskritt ikkunsidra wkoll il-fatt jew id-dizinn strutturali tas-saqaf u travi inkorporati fl-istess saqaf kienx adegwat ghall-fethiet (spans) li tali saqaf u travi kien jehtieg ikopri.*

*Is-sottoskritt ikkunsidra partikolarment il-pjanta dokument PJB 7 ipprezentata mill-Perit Bugeja. Din il-pjanta turi t-tip ta' hadid (reinforcement) li ntuza fis-saqaf, il-hxuna tal-konkos li kellu jintuza kif ukoll is-sahha tal-konkos li kellu jintuza.*

*Il-pjanta tindika li fuq il-parti ta' wara tal-fond il-hxuna tas-saqaf kellu jkun 150 mm b'xibka wahda C503. Il-parti tan-nofs, fejn l-ewwel feggew il-konsenturi, kellha tkun xibka wahda C503 li tistrieh bejn zewg travi tal-konkos, mghotija mal-hxuna tas-saqaf, jigifieri Flush Beam A u Flush Beam B. Il-grad tal-konkos kellu jkun 25N/mm².*

*Is-sottoskritt ezamina jekk id-dimensjoni tal-flush beams u l-hadid li fihom kienux sufficjenti ghall-pizijiet li kienu ser ikunu suggetti ghalihom, skond indikazzjonijiet fl-istess dokument PJB7. Flush Beam A li kien ser jistrieh fuq hitan bi span ta' 4.20m kien dizinjat b'dimensjonijiet ta' 0.45m wiesgha u gholi ta' 0.20m. Skond l-istess dokument PJ27 il-Perit talab li dan it-travu jkollu hames vireg ta' 20mm diametru fuq (top reinforcement) u zewg vireg ta' 20mm diametru taht (bottom reinforcement). Il-kalkulazzjonijiet li ghamel is-sottoskritt juru li dan it-travu jfalli*

- *Fl-ammont ta' tension reinforcement (hadid ta' taht ta' travu)*
- *Fl-ispan to depth ratio, li jirrizulta ta' 27.1*

*Is-sottoskritt ra wkoll id-dizinn ta' Flush Beam B li suppost kellu jkollu dimensjonijiet ta' 0.3m wiesgha u 0.2m gholi. Skond l-istess document PJB7 il-Perit kien talab li dan it-travu jkollu tlett vireg ta' 20mm diametru fuq (top reinforcement) u tlett vireg ta' 20mm diametru taht (bottom reinforcement). Dan it-travu kien ser jistrieh bejn hitan b'distanza ta' 4.65m bejniethom (span). Minn kalkulazzjonijiet li ghamel is-sottoskritt dan it-travu jfalli fis-segwenti rekwiziti*

- *Ammont ta' compression reinforcement (hadid ta' fuq tat-travu)*
- *Ammont ta' tension reinforcement (hadid ta' taht tat-travu)*
- *Fl-ispan to depth ration li jirrizulta li hu ta' 30.4*

*Is-sottoskritt jikkonsidra li n-nuqqasijiet fid-dizinn strutturali ta' dawn it-travi bhala fattur ewlieni ghall-falliment tas-saqaf.*

***III. Kunsiderazzjonijiet dwar is-sahha tal-konkos***

*Is-sottoskritt ezamina wkoll id-dokumenti PJB2a u PJB2b li huma rizultati ta' testijiet tal-konkos tas-soqfa li saru fuq kampjuni li ttiehdu mill-istess saqaf. Dawn it-testijiet igibu d-data ta' 27 ta' Mejju 2008. Is-sottoskritt ezamina d-dokumenti PJB 4, u PJB5 li huma result sheets tal-laboratorju. PJB4 tirreferi ghal kampjun li ttiehed mill-arja tal-kmamar tas-sodda liema kampjun ghandu riferenza R8/108 u jikkorispondi ghar-rizultat ta' document PJB2a. PJB5 jirreferi ghal kampjun mehud mill-kitchen/ dining area, liema kampjun ghandu riferenza R8/1090. Ir-rizultat tat-test taw is-segwenti rizultati:*

*Kampjun R8/108 mehud mill-arja tal-kamra tas-sodda – sahha 19.5N/MM².*
*Length/diameter ratio huwa 1.1*
*Kampjun R8/109 mehud mill-arja tal-kitchen/living – sahha 27N/mm².*
*Length/diameter ratio huwa ta' 1.0.*

*Is-sottoskritt ra wkoll ittra mill-Laboratorju Solidbase Ltd, u iffirmata mill-istess Laboratory Manager ta' Solidbase, Kenneth Spiteri fejn qal li r-rizlutati tat-testijiet ghandhom isirilhom konverzjoni sabiex dawn ikunu ekwivalenti ghas-sahha ta' samples kubi, minhabba li l-kampjuni li ttiehdu jkunu ta' forma cilindrika. L-istess ittra tghid li kampjuni ta' forma cilinrika meta jsiru testijiet fuqhom jirrizultaw f'sahha anqas minn kampjuni ta' forma kuba, meta t-tul tal-kampjun cilindriku jkun id-doppju tad-dijametru (length:diameter ratio = 2:1). Dan l-argument sar ukoll mill-Perit Bugeja waqt ix-xhieda tieghu. Il-Perit Alan Saliba minn naha tieghu ma hassx il-htiega li jaghmel din il-konverzjoni. Meta wiehed jara d-dokument PJB 2a, dan jaghti length:diameter ration = 1.1 filwaqt li dokument PJB2b jaghti length:diameter ratio =1.*

*Dan ifisser li fil-kaz tal-kampjuni li ttiehdu t-tul tal-kampjun kien kwazi l-wiesgha tad-dijametru tal-kampjun, ghaz-zewg kampjuni li ttiehdu, ghalhekk mhux suppost issir konverzjoni. Wiehed ghalhekk irid jiddetermina jekk is-sahha li rrizultat mill-kampjuni ghandhiex tkun kunsidtrata bhala falliment. Is-sottoskritt ihoss li kieku kellu jittiehed average tas-sahha li r-rizultat dan jaghti sahha ta' 23.23N/mm². Is-sottoskritt ihoss li l-valur ta' 23.23N/mm² huwa vicin ferm is-sahha rikjesta ta' 25/mm² u jista jitqies accettabbli. L-rikorrenti xehdu li kienu saru testijiet mis-supplier tal-concrete, Attard Bros Ltd. Li kienu rrizultaw f'range fejn lanqas sahha registrata kienet ta' 22 N/mm² u li din kienet fiz-zona tal-bedrooms. Anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li l-anqas sahha kienet miksuba fiz-zona tal-bedrooms, fejn id-distanzi bejn il-hitan li fuqhom qed iserrah is-saqaf huma qosra filwaqt li l-ghola sahha rrizultat fil-parti fejn l-istruttura fija aktar sfida, dan ghandu wkoll effett fuq il-gudizzju ahhari ta' jekk il-konkos ghandux jitqies accettabbli.*

***IV. Jekk kienx hemm nuqqas tal-bennejja fil-firxa tal-hadid jew fl-armar***

*Argumenti li saru waqt ix-xhieda tal-Periti in karigati mix-xoghol li rreferew ghal fatt li l-armar tas-saqaf sar fuq kontrabejt gholi u li x-xibka ma ddahlietx sa nofs il-flush beam.*

*Rigward iz-zewg punti l-Perit Kurt Vella kien zar is-sit ezatt qabel ma nghata l-konkos meta kien qed jitqieghed il-hadid. Huwa stramb li f'dak l-istadju dan ma kienx irrileva li kien hemm xejn hazin ghal mod kif sar l-armar u nfirex il-hadid filwaqt li tqajjem dan il-punt wara. Jekk il-hadid tqieghedx sew qabel inghata l-konkos hija wkoll wada mir-responsabilitajiet tal-Perit.*

*Lis-sottoskritt ma jirrizultawlux provi li l-kontrabejt sfronda bil-piz tal-jacks u l-pizijiet sovvrapposti fuqhom. Lanqas ma rrizultawlu provi li x-xibka ma ddahlitx sew fil-flush beams. Ritratti li kienu jiffurmaw parti mir-rapport tal-Perit Alan Saliba filfatt juru li x-xibka tidhol sew fil-flush beams.*

***V. Jekk kienx hemm tkissir hazin tas-saqaf mill-bennejja.***

*Il-Perit Bugeja waqt ix-xhieda tieghu irrileva li l-bennejja ma segwex l-istruzzjoni tieghu li jaghmlu qatgha mal-flush beam A qabel ma jkissru s-saqaf u li tali qatgha ma ghamluhiex. Dan il-fatt qatt ma gie nnegat mill-bennejja. Il-perit Bugeja irrileva li meta l-bennejja ma ghamlux din il-qatgha, il-vibrazzjonijiet tat-tqattiegh mxew lejn il-kamra ta' barra li sak il-hin ma kelliex konsenturi u b'konsegwenza ta' hekk hargu hafna konsenturi tali li dan is-saqaf kellu wkoll jitqies li falla. Dan il-fatt qatt ma gie nnegat mill-bennejja.*

*Is-sottoskritt ihoss li din in-nuqqas tal-qatgha wahda ma tispjegax il-firxa sostanzjali ta' konsenturi f'din il-parti tas-saqaf. Kieku l-flush beam A ma kienx underdesigned, u kien aktar rigidu, il-konsenturi ma kienux ifeggu f'dak l-ammont. Kieku z-zewg frikorrenti f'daqqa, in-nuqqas tal-qatgha (saw cut) flimkien ma nuqqasijiet fid-dizinn ta' Flush Beam A li waslu sabiex din il-part tas-saqaf ifeggula dawk il-konsenturi kollha.*

***VI. Jekk kienx hemm tghobija zejda fuq is-saqaf***

*Il-Perit Bugeja fix-xhieda tieghu attribwixxa l-fatt li l-bennejja ghabbew is-saqaf b'hafna bricks bhala l-fattur ewlieni ghaliex feggew il-konsenturi. L-rikorrenti irribattew dan l-argument billi qalu li s-saqaf kien mirfud bil-jacks sakemm ghal erba gimghat jew aktar. Il-Perit Bugeja tenna li kien hemm overloading ta' erba darbiet dak li suppost jiflah is-saqaf.*

*Is-sottoskritt huwa tal-fehma li l-overloading ma sehhx sakemm is-saqaf kien mirfud imma f'dak il-punt li tnehha x-shutter. Ghalkemm wiehed jista' jikkonsidra l-bricks bhala tghobija eccessiva, loads ohra li s-saqaf huwa normalment iddizinjat ghalihom, bhal-loading mit-torbaa u l-madum u l-live load ma kenux prezenti f'dak il-waqt meta tnehha x-shutter. Jigifieri f'dak il-punt ma kienx hemm overloading ta' xi erba' darbiet aktar mid-design load. Minn ritratti li ssottometta l-Perit Alan Saliba jidher li*

*f'partijiet fejn feggew il-konsenturi kien ghad hemm ammont sostanzjali ta' bricks mqeghda fuq is-saqaf fejn hargu l-konsenturi. Hekk kif tnehha x-shutter il-piz tas-saqaf u tal-bricks mqeghda fuqu kien trasferit fuq il-flush beams li zzaqqe (deflected) bil-pizijiet minhabba nuqqasijiet fid-dizinn strutturali.*

***C. Jekk il-konvenuta soffriet danni minhabba xoghol hazin u agir abbuziv***

*L-esponent ezamina wkoll il-kont tal-kejl ipprezentat mill-rikorrenti, li a bazi tieghu huma ghamlu talba ghad-danni.*

*Minn kalkoli li ghamel is-sottoskritt Perit Nominat jidher li l-kejl tas-saqaf jinkludi wkoll il-parti ta' quddiem tas-saqaf, jigifieri minn fejn hemm Flush Beam A sal-veranda. Din il-parti tas-saqaf, hlief ghal parti tal-veranda wkoll feggew fiha konsenturi, x'aktarx max-xoghol tat-tkissir. Ghalkemm il-konvenuta kissret din il-parti unilateralment, inkluz il-parti tal-veranda, l-esponent ma jhossx li t-talba tal-rikorrenti ghall-hlas ghal din il-parti tas-saqaf hija gustifikata, ghax zgur mhux skond is-sengha u l-arti. Zgur din il-parti tas-saqaf kien dejjem ser jehtiegilha titkisser. Minn kalkoli ta' kejl li ghamel is-sottoskritt, jirrizulta li l-unika parti tas-saqaf li ma kienx jehtigielha titkesser minhabba kunsenturi huwa ta' madwar 10 qasab kwadri.*

*Illi jekk jigi deciz li s-saqaf ta' wara ghandu jibqa, items 3.01 u 3.01 iridu jonqsu fil-kejl ghal ghaxar qasab kwadri, sabiex ikopri dik il-parti biss kunsidrata mhux difettuza. L-ammonti ghalhekk ikollhom jonqsu pro rata ghal €958.82 u €125.58. Illi l-konvenuta m'ghandhiex thallas ghall-items, 3.03, 3.04, 3.06 u 3.08 ghax dawn jappartjenu ghal parti ta' quddiem tas-saqaf li kellha wkoll titkisser.*

*Illi kompessivament minn dan il-kont €1,116.2 jappartjenu ghal dik il-parti tas-saqaf li tkissret mill-konvenuta ghax feggew konsenturi.*

*Fatt iehor li jirrizulta huwa illi l-bennejja bdew itellghu l-livell tal-penthouse. Kien hemm hitan gholjin madwar tmien filati li minhabba li x-xoghol ma kienx komplut ma*

*kienux marbuta. F'istanza partikolari waqt maltempata partijiet minn dawn il-hitan iggarfu u waqghu fuq hitan ohra illi iggarfu wkoll. Il-konvenuta kellha tiehu passi legali sabiex jitnehha l-periklu. Tqabbad is-sottoskritt bhala perit inkarigat sabiex jistabilixxi jekk hemmx periklu u li jaghti struzzjonijiet ghal rimedja. Dawn il-procedura legali wasslu sabiex jinhattu partijiet mill-hitan. L-ispejjez ghal dawn l-azzjonijiet kienu ghal konvenuta.*

*Is-sottoskritt ma jhoss li r-rimedju ghall-konvenuta ghandu jkun it-tkissir tas-saqaf kollu a spejjez tal-partijiet misjuba responsabbli. L-gholi ta' hdax il-filata jista' jkun ottenut billi jitbaxxa l-kontrabejt. Lanqas ma hu impossibli li jinstab perit gdid li jiehu responsabilita' tax-xogholijiet godda. Il-konvenuta fil-fatt qabdet perit gdid sabiex igedded il-permess u ghalhekk jassumi r-responsabilitajiet. Dan jirrizulta mill-website tal-MEPA.*

*Bhala konsegwenza tal-passi legali li nbdew mill-rikorrenti l-konvenuta kellha tieqaf minn kull xoghol. Apartament u penthouse li kieku kienu lesti erba snin ilu ma tlestewx. Il-Qorti tista' tikkunsidra l-inkonvenjent tan-nuqqas ta' tkomplija ta' dawn l-appartament u t-tgawdija taghhom bhala danni li sofriet il-konvenuta."*

**Il-Perit Jesmond Mugliett** xehed fil-11 ta' Frar, 2015 fejn saritlu referenza ghall-pjanta annessa mar-relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dokument PJ1. Huwa spjega li din hija dik il-pjanta li giet moghtija lilu mill-Perit Joseph Bugeja. Huwa kkonferma li fil-kamra ntitolata "*kitchen*" hemm salib u qal li proprju kien hemmhekk fejn kien hemm konsenturi sieq ta' tigiega. Pero' jaf li qalu li sa fejn kien hemm il-bricks kien hemm l-irfid minn taht. Il-Perit spjega li kif effettivament tinhadem *design load* fl-istruttura u tkun konsistenti kemm minn *dead load* kif ukoll minn *life load*. *Dead load* huwa l-materjal kollu li kien hemm fl-istruttura u *life load* johduha minn *tables* ghal tal-apposta li jikkorrispondu ghal uzu per ezempju residenzjali u taghti xi rata ta' kemm hemm *kiloneutants per square millimetre* u qal li f'dan il-kaz id-*dead load* kien

qieghed hemm kollu u sahansitra kien hemm aktar ghax kif qal kien hemm il-bricks. Pero' l-*life load* ma kienx hemmhekk ghaliex l-uzu residenzjali ma kienx qed isir.

Huwa spjega li ghall-istruttura li kienet disinjata ghaliha *flash beams* ma jghaddux. Ix-xhud stqarr illi ezattament kemm kien hemm *bricks* u cioe' jekk kienx hemm tlieta jew erbgha jew tmien filati ma rrizultalux. X'aktarx l-*overloading* irrizulta f'dak il-punt fejn tnehha l-irfid u dan naturalment b'referenza ghad-*dead load* pero' l-hsara ssuccediet ghaliex kien hemm il-*flash beams under designed*. Spjega li meta jaghmlu kalkolazzjonijiet strutturali l-*actual dead weight* jimmultiplikawha *by a safety factor,* times 1.4 normalment u l-*life load* jimmoltiplikawh ukoll by *another safety factor* xi 1.6. Ghalhekk jekk *life load* ma kienx hemm allura diga kwazi nehha nofs il-*loading.* Huwa tenna li effettivament kemm kien hemm bricks jekk kienx hemm *times four* jew *times two* jew *times one point five* ma jistax jghid. Lanqas min kien qed jaghmel din it-trattazzjoni rigwardanti l-*bricks* ma seta' jghid bi precizjoni kemm effettivament kien hemm bricks.

Il-Perit sostna illi l-konkos filfatt kien ftit inqas b'sahhtu minn dak specifikat u cioe' minn *cube strength* ta' *twenty five* rrizulta *cube strength* ta' *twenty three* u dan wara li ra l-istimi sottomessi dwar il-*quarters* li sab. Peress illi d-differenza kienet marginali huwa ma setghax jghid illi l-konkos kien difettuz. Huwa ma kkontestax li kull virga ndividwali kienet tajba. Stabbilixxa illi l-ammont ta' vireg fit-travi kien inqas milli dak li suppost kien. Mistoqsi jispjega kif effettivament allura kien hemm dawn il-konsenturi b'sieq ta' tigiega fil-kamra mmarkata bl-isem *kitchen* jghid illi fil-mument meta' tnehhew il-gakkijiet, l-irfid, il-bricks li seta' kien hemm fuq is-saqaf kienu piz fuq struttura dghajfa u kien ghalhekk li rrizultaw il-konsenturi u dan kollu huwa msemmi fir-rapport tieghu a fol. 30 tar-rapport tieghu fit-tieni paragrafu.

Dwar il-kamra l-ohra intestata *dining/living* fuq il-pjanta PJB1 rrizultalu mix-xhieda mismuha li dawn il-konsenturi hargu wara li tkisser is-saqaf tal-kamra ntestata *kitchen*. Huwa qal li l-bennejja ma nnegawhx lanqas. Skond dak li qal il-Perit Bugeja

li l-konsenturi mxew ghal kamra *dining/living* waqt li l-haddiema kienu qed ikissru s-saqaf tal-kcina. Kieku t-travu kien iktar b'sahhtu seta' kien hemm inqas moviment fil-konsenturi. Una volta tnehha s-saqaf kollu tal-kcina l-*pressure* fuq *flash beam* A ikun naqas u ghalhekk il-konsenturi li deheru fil-*living/dining* m'humiex rizultat tal-*failure* tal-*flash beam* A pero' l-fatt illi t-travu ma kienx daqstant rigidu jfisser li kien hemm dawn il-konsenturi. Id-disinn tat-travu in kwistjoni rrispettivament mil-low ta' fuq ma kienx wiehed idoneju u dan sahansitra anke kkonfermah ma' *structure engineer* iehor. Sakemm is-saqaf kien ghadu mirfud bricks wahedhom per se ma jaghmlux din il-hsara. Mistoqsi kif effettivament tqatta' s-saqaf intitolata' kcina jghid illi ma jafx. Kull ma rrizultalu huwa li l-perit Bugeja kien qal illi l-bennejja ghamlu xi sawcut mal-*flash*, dan billi qata' bir-roller il-lupa li skont hu pero' din ma saritx u s-Sur Bugeja kien ta din l-istruzzjoni biex il-vibrazzjoni tat-tqattieh ma jigux trasmessi f'dik l-area maghrufa bhala *living/dining*. Il-Perit assuma illi s-saqaf tkisser b'jigger tal-idejn kif inhu normali. Kieku t-travu kien tajjeb il-hsara kienet probabilment jew setghet tkun inqas u huwa jibqa' jzomm ferm mal-konkluzjonijiet tieghu msemmija fir-relazzjoni tieghu.

**Il-Perit Jesmond Mugliette** rega' xehed in eskussjoni nhar it-3 ta' Gunju, 2015. B'referenza ghall-ewwel domanda li saret bhala Dokument JBQ1 a fol 297 tal-process jghid illi kemm skond il-Perit Bugeja kif ukoll skond il-Perit Kurt Vella il-qatgha bil-lupa ma kienitx saret. Jghid ukoll illi mix-xhieda tal-bennejja ma rrizultax lanqas li din effettivament kienet saret. Ghalhekk jghid li wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu abbazi ta' din l-istess xhieda, li din il-qasma bil-lupa ma saritx. Jghid li di vista lilu ma jirrizultalux li effettivament saret xi qatgha bil-lupa. Mistoqsi jekk jistax jispecifika l-ammont li fil-fehma tieghu l-rikorrenti ghandhom jithallsu abbazi tat-talbiet taghhom, cioe' tax-xoghol li lahaq sar u tkejjel mill-Perit Bugeja u tax-xoghol li effettivament sar u ma tkejjilx mill-Perit Bugeja jghid li fir-rapport originali tieghu diga' tratta dan il-punt u rrefera ghall-kont li kien gie prezentat fil-mori, Ikompli li fil fatt indika liema ammonti kellhom jonqsu u effettivament liema ammonti ma kellhomx jittiehdu in konsiderazzjoni. Jghid li l-ammont li kellu jitnaqqas mill-kont li hareg il-Perit Bugeja

kien ta' elf, mija u sittax-il Ewro (€1,116). Jghid pero' l-kont li hareg Bugeja ma jinkludix ix-xoghol li kien sar wara u li dak ix-xoghol ma tkejjilx u lanqas hu ma kejjlu u ghalhekk m'ghandux fuq xiex jibbaza. Bhala principju pero' jghid illi ghandhom jiehdu konsiderazzjoni tal-materjal li ntuza u bini sa erba' filati. Jghid li kien hemm xi partijiet li kellhom joghlew aktar minn erba' filati, pero' kellu jitbaxxa minhabba xi periklu.

Illi fit-3 ta' Dicembru, 2015 xehed il-**Perit Jesmond Mugliett**. Il-Perit qal li kien gie nominat minn din il-Qorti b'digriet taghha tat-3 ta' Gunju 2015 sabiex jiddeskrivi x-xoghol li sar wara li l-perit Bondin kien ha l-kejl u sabiex sussegwentement jaghti stima tax-xoghol u anke jinkludi l-istima tal-valur ta' materjal mixtri mill-attur. Qal li fit-tieni lok kellu nkarigu iehor, u cioe' li ai fini tal-kontrotalba jindika jekk l-istess konvenut kienx bata xi danni w spejjez addizzjonali minhabba l-agir tal-rikorrenti u/jew tal-kjamat in kawza konsistenti f'tiswijiet tal-hsarat li kellu jaghmel. L-espert ezebixxa r-relazzjoni tieghu.

Il-Perit qal illi l-istima tax-xoghol li kien ghamel il-perit Bugeja kienet tammonta ghal tmint elef, disa' mija w disgha u disghin Ewro, liema ammont kien jinkludi parti tas-saqaf li eventwalment kienet kissret il-konvenuta. Huwa qal illi xoghlu sar wara li l-perit Bugeja kien ha l-kejl ta' binja tal-hitan livell tal-penthouse, liema hajt kien ta' madwar tmien filati. Sosnta li in segwitu' meta' l-konvenuta giet biex tkisser is-soqfa kellhom ihottu parti minn dan il-hajt, partikolarment l-appoggi. Kien sar ukoll tkissir tal-parti meqjusa bhala difettuza mill-istess perit Bugeja. Kompla jghid li eventwalment pero' l-konvenuta kissret parti ohra adjacenti fuq in-naha ta' quddiem tal-istess saqaf. Il-Perit sostna li effettivament kellha ragun tkisser din il-parti wkoll u dan ghaliex hemm feggew konsenturi. Spjega li fil-kont li hareg il-Perit Bugeja, l-bini tal-faccata ma jidhirx u konsegwentement huwa stabbilixxa l-valur ta' dan il-bini wkoll.

Zied jghid illi l-Qorti kienet ordnat illi dawk il-hitan tal-bricks fil-livell tal-penthouse, jinhattu sa erba' filati, w dan biex ma jkunux ta' periklu fil-maltemp. L-espert huwa tal-fehma li l-rikorrenti m'ghandhomx dritt la li dik il-parti tas-saqaf titkisser fuq struzzjonijiet tal-Perit Bugeja u lanqas ghal dik il-parti tas-saqaf li tkissret mill-konvenuta fejn gew il-konsenturi. Ghalhekk l-opinjoni tieghu hija li l-rikorrenti llum ghandhom ragun li ghandhom jithallsu tal-hitan tal-bricks *at penthouse level*, il-materjal ta' bricks li ghadu ppustjat u tax-xoghol tal-faccata ghalkemm dan ma kienx inkluz.

Ghalhekk spjega li fil-kalkoli tieghu huwa naqqas il-parti tas-saqaf li tnizzlet mill-konvenuta. Spjegali li l-bilanc li kien ghad fadal mill-kont tal-perit Bugeja kien ta' tlett elef, seba' mija u wiehed u tmenin Ewro (€3,781), minnhom tnaqqas il-valur tas-saqaf li twaqqa' mill-konvenut fl-ammont ta' elf u tletin Ewro (€1,030) u zdiedu l-ispejjez l-hitan tal-penthouse u l-materjal imholli fl-ammont ta' disa' mija, sebgha u sittin Ewro (€967) u ghalhekk il-bilanc dovut huwa ta' tlett elef seba' mija u tmintax (€3,718). Jekk wiehed izid l-ispejjez ghax-xoghol tal-faccata li jammonta ghal sitt mija disgha u erbghin (€649), il-bilanc rimanenti huwa ta' erbat elef, tlett mija u sebgha u sittin Ewro (€4,367).

Imbaghad ghadda biex iwiegeb it-tieni mistoqsija maghmula mill-konvenuta dwar il-hsarat u l-ispejjez addizzjonali li sofriet minhabba l-agir tal-attur u kjamat in kawza. Qal illi dawn il-hsarat kienu jikkonsistu f'kisi tas-saqaf li sar a spejjez tal-konvenuti, il-konsulta li saret mal-Perit Alan Saliba u spejjez tat-tigdid tal-permess peress li kien twal iz-zmien, inkluz il-hlasijiet tal-perit tal-pjanti godda. Kompla li ma' dawn iridu jizdiedu l-ispejjez tal-hatt tal-hitan peress li jirrizultaw li kienu perikoluzi w li il-Qorti kienet ordnat li provizorjament dawn isiru a spejjez tal-konvenuta. Hawnhekk spjega li skont ir-rati minnu stabbiliti, il-kisi tas-saqaf ghamlu bil-hamsin Ewro (€50) l-qasma kwadra u gie jammonta ghal tlett mija tnejn u ghoxrin Ewro (€322). Il-konsulta tal-Perit Alan Saliba tammonta ghal tlett mitt Ewro (€300), spejjez ta' tigdid ta' permess inkluz l-applikazzjonijiet u hlasijiet tal-MEPA jammontaw ghal sitt mitt

Ewro (€600). Total ta' elf mitejn u tnejn u sebghin Ewro (€1272). Naturalment maghhom iridu jizdiedu l-ispejjez tal-perit ta' dan ir-rapport. L-espert huwa tal-opinjoni illi l-konvenuta sofriet ukoll min-nuqqas ta' tgawdija tal-post sakemm tlesta, w dan peress li x-xoghol ma setax jitkompla, pero' dan ihallih fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument JM. Mistoqsi jekk regax acceda fil-post in kwistjoni, sostna illi ma kienx hemm ghalfejn peress li fuq il-pjanti li kellu f'idu seta' jasal ghar-rizultazi tieghu. Ikkonferma li acceda minn barra w ra l-faccata wkoll.

**Il-Perit Tekniku Jesmond Mugliett** rega' xehed fis-6 ta' April, 2016 u pprezenta rapport addizzjonali li huwa ghamel skont l-inkarigu moghti lili minn din l-istess Qorti kif preseduta. Il-Perit ikkonferma li diga' thallas mill-partijiet tal-inkarigu moghti lilu. Ir-relazzjoni addizzjonali giet immarkata bhala Dokument JM1.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni, l-Qorti rat li l-Perit Tekniku ghamel dawn il-konstatazzjonijiet:

*"Xoghol li sar wara l-kejl tal-Perit Bugeja:*

*Wara li ttiehed il-kejl mill-Perit Bugeja, l-rikorrenti ghamlu x-xoghlijiet hawn elenkati:*

1. *Bini ta' hitan tal-bricks fil-livell tal-penthouse level, Il-hitan kienu ta' qoxra wahda, gholi ta' madwar tmien filati.*
2. *Hatt tal-hitan tal-appoggi fil-livell tal-penthouse, fiz-zona fejn kellu jitwaqqa' s-saqaf.*
3. *Tkissir ta' dik il-parti tas-saqaf meqjusa mill-Perit Bugeja bhala difettuza.*

*Eventwalment il-konvenuta kissret il-bqija tas-saqaf ta' quddiem bi spejjez taghha.*

*Il-bini tal-faccata tal-veranda mhuwiex inkluz fil-kejl tal-Perit Bugeja. Wara li waqt maltempata partijiet mill-hitan tal-bricks fil-livell tal-penthouse, li ttellghu mill-rikorrenti kienu waqghu, b'ordni tal-Qorti, l-rikorrenti kienu hattew l-istess hitan ghal erba' filati.*

*Is-sottoskritt mhux qed jifhem li l-rikorrenti qed jippretendu hlas ghat-tkissir tas-saqaf, f'dik il-parti maqbula mal-Perit Bugeja, ghax id-difetti li feggew u r-rimedju ordnat mill-Perit Bugeja zgur li ma kienx tort tal-konvenuta. Ghall-istess raguni s-sottoskritt ihoss li l-rikorrenti ma jistghux jippretendu hlas ghal xi hitan tal-appoggi li setghu inbnew f'dawn il-partijiet ghax dawn kellhom jinhattu minhabba difetti li ma feggewx kawza ta' azzjoni li ghamlet il-konvenuta.*

*L-unika hlas li ghandhom dritt jippretendu l-rikorrenti huwa ghall-hitan fuq in-naha ta' wara, jigifieri fil-bedroom area tal-penthouse level u ghal xoghol li sar fuq il-faccata jekk dan ma tkejjilx mill-Perit Bugeja.*

*Rigward il-hitan fil-bedroom area, l-rikorrenti kienu tellghu dawn sa tmien filati. Madanakollu minhabba periklu li nqala' dawn kellhom jinhattu ghal erba' filati. Is-sottoskritt huwa tal-fehma li huwa tal-ewwel erba' filati biss li l-rikorrenti ghandhom jithallsu. Il-konvenuta ma gabitx id-dizgwid li nqala' b'idejha. Ix-xoghol intemm hesrem u kellhom jinhattu l-hitan b'ordni tal-Qorti sabiex ikun evitat periklu. Il-konvenuta ghalhekk tista' tkun obbligata thallas ta' hitan gholi ta' erba' filati u materjal ta' bricks li kien uzat fil-hitan li nhattu. Il-kejl ta' dawn il-hitan huwa ta' :*
*6.71 qasab kwadri ta' hitan bricks tad-disa' dobblu*
*3 qasab kwadri ta' hitan bricks tas-sebgha*

*Is-sottoskritt huwa tal-fehma li mill-kont tal-Perit Bugeja, jigifieri dak muri bhala Revised Bill after break out, Dok. X tal-kawza originali, ghandhom jitnaqqsu il-parti tas-saqaf li tkissret mill-konvenuta. Il-kejl ta' dan is-saqaf huwa ta' madwar 6.44qsb kwd.*

*Ghalhekk Item 3.01 sa 3.09 fil-kont tal-Perit Bugeja ghandu jaqra*

| | | Quantity | Unit | Rate LM | Rate € | Amount € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3.01 | 150mm suspended slab in C20 concrete inclusive of 1 layer C503 mesh | 10.09 | Qasab kw | 42.00 | 97.83 | 1065.38 |
| 3.02 | Extra over above for using C25 concrete instead of C20 | 10.09 | Qasab kw | 5.35 | 12.46 | 125.72 |
| 3.03 | Extra 2" concrete over living area | 0 | Qasab kw | 10.00 | 23.29 | 0.00 |
| 3.04 | Extra over above for using C25 concrete instead of C20 | 0 | Qasab kw | 1.76 | 4.15 | 0.00 |
| 3.05 | 150mm slab in C20 concrete inclusive of 1 layer C503 mesh | 0 | Qasab kw | 42.00 | 97.83 | 0.00 |
| 3.06 | Extra over above for using C30 instead of C20 | 0 | Qasab kw | 8.50 | 19.80 | 0.00 |
| 3.07 | Extra 1" concrete over above | 0 | Qasab kw | 5.00 | 11.65 | 0.00 |
| 3.08 | Extra over fuq using C30 concrete instead of C20 | 0 | Qasab kw | 1.42 | 3.31 | 0.00 |
| 3.09 | | | | | | |
| | **Total ghal items 3.01-3.09** | | | | | **1191.1** |

*Total ghal items 3.01 sa 3.09 fil-kont originali kien ta' €2223.90.*

*Jigifieri s-sottoskritt huwa tal-fehma li mill-kont tal-Perit Bugeja ghandhom jitnaqqsu €1,032.79 ghal dik il-parti tas-saqaf li kissret il-konvenuta ghax irrizultat difettuza.*

*Il-valur tal-hitan tal-bricks fil-livell ta' penthouse huwa kif muri hawn taht. Is-sottoskritt assuma l-istess ammont ta' bricks ta' hxuna 180mm, u ftit iktar (8 qasab kwadri) ghall-bricks ta' hxuna 230mm sabiex jasal ghal ammont ta' materjal li tieghu ghandu jithallas l-attur (supply only).*

| | | Quantity | Unit | Rate LM | Rate € | Amount € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 230mm double density hollow concrete blockwork | 6.7 | Qasab kw | 28 | 65.22 | 436.97 |
| | 180mm hollow concrete blockwork | 3 | Qasab kw | 26 | 60.56 | 181.68 |
| | Supply on 230mm hollow blockwork | 8 | Qasab kw | 14 | 32.61 | 260.88 |
| | Supply only 180mm hollow blockwork | 3 | Qasab kw | 12 | 27.95 | 88.35 |
| | **Total** | | | | | **967.88** |

*Mhuwiex car jekk l-rikorrenti humiex jippretendu hlas ghal xoghol fuq il-faccata tal-veranda. Item ghal xoghol fuq il-faccata fil-kont tal-Perit Bugeja ma jidhirx. Mill-banda l-ohra fl-affidavit ta' Philip Xuereb (fol. 34 tal-kawza originali, pt.34) dan ma jsemmix ix-xoghol tal-faccata bhala bilanc li hu dovut lill-aturi. Is-sottoskritt jistma li x-xoghol tal-faccata –*

***4.65 qasab kw b'rata ta' €139.76 jigifieri €649.88***

*Is-sottoskritt ma kellux ir-rati kollha tax-xoghol u ghalhekk wasal ghar-rata ta' €139.76 billi uza r-rata tal-bricks tas-7" (ghal darbtejn ghax faccata dobblu) u zied maghha dak li normalment kien jizdied ghal extra fuq il-fil (LM8 il-qasba kwadra). Is-sottoskritt ma inkludiex items bhal extra ghal samrotti, etc ghal faccata, izda*

*lanqas naqqas ghal fethiet u qies li dak li seta' jitqies bhala extra huwa kumpensat billi ma naqqas ghal fethiet.*

*Il-bilanc dovut ghall-rikorrenti huwa ghalhekk*

| | |
|---|---|
| *Il-bilanc li baqa' mill-kont tal-Perit Bugeja* | *€3781.11* |
| *Naqqas ghas-saqaf li twaqqa' mill-konvenut* | *€1032.79* |
| *Zid ghall-hitan tal-penthouse u materjal imholli* | *€967.88* |
| | |
| *Bilanc dovut* | *€3716.20* |

*Jekk il-faccata ghadha ma thallsitx, ma' dan ghandu jizdied*

| | |
|---|---|
| *Xoghol tal-faccata* | *€649.88* |
| *Jigifieri* | *€4366.08"* |

Il-Perit Jesmond Mugliett ikompli:

***"Danni u spejjez addizjonali minhabba l-agir tal-rikorrenti u/jew kjamati in kwantu u konsistenti fi hsarat li huwa sofra u kellu jirripara***

*Hija l-fehma tas-sottoskritt li l-konvenut garrab danni minhabba hsarat li huwa sofra u kellu jirripara. Dawn id-danni jikkonsistu*

- *Tkissir tal-parti tas-saqaf ta' quddiem*
- *Konsulta mal-Perit Alan Saliba sabiex tinkiseb opinjoni indipendenti*
- *Spejjez ghal tigdid ta' permess, inkluz hlasijiet professjonali tal-perit ghal pjanti godda*
- *Spejjez sabiex jinhattu l-hitan fil-penthouse level sabiex il-hitan ma jkunux ta' periklu*

*Kalkulazzjoni tad-danni u spejjez li garrab il-konvenut*

- *Tkissir tal-parti tas-saqaf ta' quddiem, inkluz rimi ta' materjal 6.44 qasab kw b'rata ta' €50 jammonta ghal €322.00*
- *Konsulta tal-Perit Alan Saliba jammonta madwar €300*
- *Spejjez ghal tigdid ta' permess inkluz hlas tal-MEPA, jammonta ghal madwar €600*

*Total €1,222.00*

***Spejjez sabiex jinhattu l-hitan.***

*Meta l-Qorti ordnat dawn ix-xoghlijiet hija qalet li l-ispejjez huma provizorjament ghall-konvenut. Is-sottoskritt ma rax kontijiet tal-rikorrenti ghal dawn ix-xoghlijiet, hlief dawk ghal hlasijiet konnessi mad-drittijiet tieghu hekk kif kalkulati mill-istess Qorti. Jekk il-Qorti tiddeciedi li l-ispejjez ghall-hatt ta' dan il-hajt ghandhom ikunu ghas-spejjez tal-rikorrenti, id-drittijiet tal-Perit Tekniku sabiex hejja l-ewwel rapport ghandhom jizdiedu mal-ispejjez hawn fuq elenkati.*

*Il-konvenuta sofriet ukoll in-nuqqas ta' tgawdija tal-post mibni minhabba li x-xoghol waqaf u ma setax imompli. Is-sottoskritt ihalli f'idejn l-Onorabbli Qorti sabiex tirrileva, jekk jidhrilha fuq dan il-punt u l-ispejjez rizultanti."*

**Il-Perit Jesmond Mugliett** rega' xehed in eskussjoni nhar is-17 ta' Mejju, 2016. Saritlu referenza ghar-rapport addizzjonali li pprezenta fis- 6 ta' April 2016 b'mod partikolari ghal fol. 3 tar-rapport, fol 324 tal-process. Mistoqsi kif effettivament jirrizultalu li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti, ried jippreciza illi huwa ma riedx jghid illi x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti originarjament, pero' spjega li din kienet *area* li kienet tinsab vicin dik il-parti li giet ordnata titkisser mill-Perit

Bugeja. Qal li mat-tkissir f'din l-*area* feggew xi konsenturi, u filfatt illi kien hemm konsenturi ma kienx kontestat lanqas mill-Perit Bugeja. Ghalhekk din kienet il-kawza ta' dizgwid bejn l-istess Perit Bugeja u l-bennejja; fejn il-Perit Bugeja kien qal li dawn il-konsenturi kienu feggew ghax il-bennejja ma obdewx l-istruzzjonijiet tieghu kif kellu jsir it-tkissir. Cio' nonostante l-konsenturi feggew u ghalhekk ghall-fini ta' uzu ghall-konvenut ma kienx saqaf accettabbli u ghalhekk hu hass li fil-kont dan ma kellux jidhol. Ix-xoghol originali mill-bennejja sar fuq struzzjonijiet tal-Perit Bugeja. Kompla li l-Perit Bugeja kien ta struzzjonijiet kif kellu jsir it-tkissir u cioe' li dawn ix-xoghlijiet kellhom isiru permezz ta' qatgha bil-lupa. Kompla jghid li l-istess perit Bugeja qal li dan ma sarx u illi filfatt il-bennejja stess ma kkontestawx li effettivament dan ix-xoghol ma sarx bil-lupa.

Saritlu wkoll referenza ghat-tieni paragrafu ta' din l-istess faccata a fol 324 u spjega li l-items hemmhekk kellhom ikunu 3.01 u 3.02. Mistoqsi ghaliex hemm varjanza f'dawn il-kejl skont l-iskeda ezebita fl-atti a fol 329 wiegeb illi r-rata tajba hija dik li tidher *in text* u cioe' 958.82 u 125.58. Tenna li fil-fehma tieghu il-konvenuta m'ghandhiex thallas ghall-items 3.03, 3.04, 3.06, 3.07, 3.08 u dan ghaliex ix-xoghlijiet ma sarux kif suppost minkejja li dawn ix-xoghlijiet gew ordnati mill-Perit Bugeja. Mistoqsi ta' min ikollhom ikunu l-ispejjez ta' tmien filati wiegeb li hu assuma li l-obbligu tal-konvenuta huwa li thallas ghal dak li realment se taghmel uzu minnu. Ghalhekk tenut kont li l-hajt huwa ta' erba' filati u l-materjal li thalla fuq il-post, jidhirlu li m'ghandhiex thallas tal-erba' filati addizzjonali li effettivament tnehhew. Kompla li l-hajt kien tela' w sussegwentement kien waqaf, il-hitan ma kinux marbutin, kien qed jirrizulta li ha jkun ta' periklu w ghalhekk tnehhew erba' filati minnhom. Fil-fehma tieghu il-hajt kif kien, gholi ta' tmien filati, kien ta' periklu w ghalhekk tnehhew l-erba' filati u kien ghalhekk li wasal ghall-konkluzjoni li l-konvenuta kellha thallas biss ta' erba' filati. Zied jghid lil effettivament jekk il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-konvenuta ghandha thallas ta' tmien filati, l-ammont kellu jkun minn 260.88 imsemmi a fol. 330 tal-process jigi 521.76. Dwar is-supply ta' 180 millimetres hollow block work l-ammont flok 88.35 jigi 181.68. B'referenza ghal dak

li ghamel bhala kalkulazzjoni tad-danni u spejjez li gabet il-konvenuta qal li huwa assuma li effettivament tkissir tal-parti tas-saqaf ta' quddiem inkluz primi materjal fl-ammont ta' €322 saru mill-konvenuta. Mistoqsi jekk setghux gew imhallsa mill-bennejja wiegeb li ma jafx. Pero' mill-impressjoni li ha mill-varji xhieda, rrizultalu li kienet il-konvenuta li hallset ghalihom.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Philip Xuereb etipprezentata fit-18 ta' Lulju, 2016.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Joseph u Maria Mifsud ipprezentata fit-30 ta' Setttembru, 2016.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamat in kawza il Perit Joseph Bugeja ipprezentata fis-26 ta' Ottubru , 2016.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2016 il-partijiet awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-intimati konjugi Mifsud kienu xtaqu jaghmlu xi alterazzjonijiet fil-proprjeta' taghhom Plot 9 Triq Dun Gerald Mangion, Mqabba u kienu avvicinaw lir-rikorrenti sabiex jaghmlu dan ix-xoghol bhala kuntratturi u kienu tawhom appalt ta' dak li kellu jsir taht id-direzzjoni tal-perit kjamat in kawza il-Perit Joseph Bugeja. Effettivament kienu ftiehmu bejniethom dwar il-prezzijiet tax-xoghol u li x-xoghol kien qed jigi sorveljat mill-Perit Kurt Vella li kien jahdem fl-ufficcju tal-Perit Joseph Bugeja. In effetti r-rikorrenti bdew bix-xoghol u kienu ghamlu xi saqaf u poggew xi *shutters* meta tpogga l-konkos. Izda meta r-rikorrenti marru biex jaqilghu ix-*shutters* irrizulta li kien hemm xi konsenturi fis-saqaf u minn appogg ghal appogg u ghalhekk meta ra hekk il-perit

Vella ikkomunika mal-perit Joseph Bugeja u rrapportalu dak li kien ra. Illi ghalhekk saru xi testijiet dwar it-tip u grad tal-konkos li ntuza, stante li deher li kien hemm divergenza bejn dak uzat fil-parti ta' quddiem tas-saqaf u dak li ntuza fil-parti ta' wara tal-istess saqaf. Irrizulta li skond parir li ttiehed minn Perit apparti, u cioe' mill-perit Alan Saliba, irrizulta li x'aktarx is-saqaf ma kienx b'sahhtu bizzejjed u r-rikorrenti u l-kjamat in kawza bdew jilletikaw bejniethom dwar min kien responsabbli ghal dan. Ir-rikorrenti sostnew li ma kienx hemm bizzejjed hadid fis-saqaf waqt li l-perit sostna li l-bennejja ghabbew is-saqaf wisq, waqt li l-kostruzzjoni kienet ghaddejja.

Illi l-intimati imbaghad waqqfu r-relazzjoni li kellhom mal-perit Bugeja u iddecidew li jahdmu taht is-sorveljanza tal-perit Alan Saliba. Ix-xoghol ghalhekk ghamel xi zmien wieqaf. Il-Perit Saliba kien tal-fehma li parti mis-saqaf kellu jitkisser u dan ghaliex il-perit Saliba ma xtaqx jidhol fuq xoghol nofs kedda ta' haddiehor u jiehu hu r-responsabilita'. Illi l-intimati imbaghad qabdu u ghamlu xoghol iehor tramite haddiema ohra.

Ir-rikorrenti ghalhekk ipprezentaw din il-kawza sabiex jithallsu tal-bilanc dovut lilhom filwaqt li l-intimati qed jeccepixxu li m'ghandhomx ihallsu lir-rikorrenti u dan ghaliex ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Mhux talli hekk, talli ddikjaraw li sofrew xi danni, tant li pprezentaw kontro-talba. Ghal din il-konto-talba r-rikorrenti jsostnu li mhux minnu li l-intimati sofrew danni u jekk sofrew danni dan ma hux attriwibbli lilhom izda lejn il-kjamat in kawza il-perit Joseph Bugeja li ma dderigiex sew ix-xoghol. Illi kien ghalhekk li saret din il-kawza.

Fl-ewwel lok ir-rikorrenti jsostnu li l-intimati ma setghux iwaqqfuhom mill-appalt moghti lilhom hesrem u ghalhekk ghandhom jithallsu tal-bilanc kollu dovut u rimanenti.

In-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' April 1968 fil-kawza **"Busuttil vs Fedele et"** fejn kienet citata s-sentenza tal-Qorti

tal-Kummerc moghtija fid-9 ta' Marzu 1939 fil-kawza **"Micallef vs Mamo et noe"** (Vol.XXX.III.433). Fis-sentenza citata, din il-Qorti qalet hekk :-

*"... il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero' jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni."*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta' Gunju 1994 fil-kawza **"Bonnici noe vs Sammut"**.

*"Il-modalita` tal-hlas lill-appaltatur tiddependi mill-mod kif ix-xoghol ikun kommissjonat (ara – '**Sacco v.Penza Construction Limited' –** PA/PS – 18 ta` Frar 2004). Jekk il-prezz jigi stabbilit ghal kull unita', l-appaltatur ikollu dritt jithallas tax-xoghol maghmul, izda jekk invece l-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk ix-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa, l-appaltatur ma jkollux dritt ghal ebda parti mill-hlas (ara – '**Mallia v.Fonk'** – Qorti tal-Appell – 24 ta` Jannar 1975)."*

Fil-kaz tal-lum ma hemm xejn fil-ftehim ta` bejn il-partijiet li jindika illi l-ftehim sar ghal kull unita' ta' xoghol, izda jidher illi x-xoghol ikkommissjonat lir-rikorrenti kien wiehed u cioe` dak illi jaghmlu l-alterazzjonijiet kif ordnati mill-Perit Joseph Bugeja u dan bhala xoghol wiehed u mhux *piece work.* Kwindi ghall-kaz tal-lum tiskatta t-tieni regola ndikata fil-paragrafu precedenti u cioe' illi l-prezz kien wiehed ghax-xoghol

kollu u allura l-intimati Mifsud mhux tenuti jhallsu ghax-xoghol li ma sarx sewwa izda ghandu jithallas biss ghax-xoghol li sar skond is-sengha u l-arti.

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma u taghmel taghha l-principji ta` dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**<u>Darmanin vs Agius</u>"** li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004.

Il-Qorti qalet hekk:-

*"Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li `l quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (***Kollez Vol.XXVII pI p373***). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (***Kollez Vol XL pI p485** ;*

*It-tieni principju jghid illi "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**<u>Mario Blackman -vs- CarmeloFarrugia et noe</u>**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent."*

Ghall-fini ta` kjarezza, u a skans ta` kull ekwivoku, din il-Qorti tghid, anke fuq l-iskorta tal-opinjoni tal-espert tekniku taghha, li fil-kaz tal-appalt mertu ta` din il-

kawza, id-difetti kienu essenzjali u sostanzjali u allura kif inghad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXXVIII.I.292**, *meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt."*

Biex il-kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet jitqies xolt, fin-nuqqas ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa kif inhu proprju dan il-kaz, allura hija dik il-kundizzjoni rizoluttiva tacita li hija dejjem sotto-intiza ghal kull kuntratt bilaterali li ssib applikazzjoni f'dan il-kaz. L-**Art.1068 tal-Kap.16** jaqra hekk:- "*Il-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha: Iżda, f'dak il-każ, il-kuntratt ma jinħallx ipso jure, u l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ".*

Bl-applikazzjoni ta` din id-disposizzjoni, inadempjenza ta' parti f`kuntratt bilaterali, inkluz dak ta' llum, jista` jwassal ghax-xoljiment tal-kuntratt jew, skond ic-cirkostanzi, ghal adempiment tal-kuntratt jekk il-Qorti thoss illi dan ikun aktar opportun. Fil-kawza odjerna, din il-Qorti m'hijiex tal-fehma li r-rikorrent ghandu jinghata terminu sabiex jespleta l-appalt u ghalhekk tiddikjara l-kuntratt xolt.

Illi fil-kaz in desamina, fid-dawl ta' dak li gie rilevat aktar 'il fuq mill-perit tekniku nominat mill-Qorti, parti mix-xoghol li ghamlu r-rikorrenti ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk l-intimati kenu gustifikati li jitterminaw l-appalt. Zgur li mhux il-kaz li din il-Qorti tipprefiggi terminu lir-rikorrenti sabiex jirrimedjaw dak li ghamlu.

F'din il-kawza din il-Qorti kienet innominat lill-Perit Jesmond Mugliette stante li l-kwistjoni li ghandha qudiemha hija wahda ta' natura purament teknika. Issa skond is-

sentenza tad-19 ta` Novembru 2001 fil-ismijiet **"Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk:-

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

In linea ta` principju, ghalkemm Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjonitaghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg*

*mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca"** - Qorti tal-Appell - 6 ta' Ottubru 1999**; "Saliba vs Farrugia**" - Qorti tal-Appell - 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja *noe* vs Mifsud**" - Qorti tal-Appell - 19 ta` Novembru 2001).

*Il giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*"- ("**Bugeja *et* vs Muscat et"** - Qorti tal-Appell - 23 ta` Gunju 1967).

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta bhala fatt li wara li kien prezentat u mahluf ir-rapport peritali, saret talba sabiex ikun estiz l-inkarigu tal-istess perit sabiex jirrelata dwar il-kontro-talba tal-konvenuti. Inoltre ma saret l-ebda talba mill-partijiet ghall-hatra ta` periti addizzjonali, ghalkemm il-perit tekniku wiegeb ghal domandi in eskussjoni.

Kollox meqjus, din il-Qorti qeghda taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali ai fini ta' dak li rrelata dwar it-teknika o meno tax-xoghol esegwit mir-rikorrenti, fuq il-proprjeta' tal-konvenuti.

Illi ghalhekk il-perit tekniku kkonkluda li l-intimati ghad baqalghom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef sebgha mija u wiehed u tmenin Ewro u hdax-il centezmu (€3,781.11) bilanc mill-kont tal-Perit Bugeja u s-somma ta' disgha mija w sebgha u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€967.88) rapprezentanti il-valur tal-hitan tal-bricks fil-livell tal-penthouse u materjal li kien hallas l-attur (vide fol. 330 u 331 tal-process) b'kollox is-somma ta' erbat elef sebgha mija w tmienja w erbghin Ewro u disgha w disghin centezmu (€4,748.99). Pero' minn din is-somma trid titnaqqas is-somma ta' elf u tnejn u tletin Ewro u disgha w sebghin centezmu (€1,032.79) rapprezentanti din is-somma l-ispejjez li l-intimati inkorrew sabiex bnew mill-gdid is-saqaf li kellu jigi mibdul mill-konvenuti stante li kien difettuz (vide fol.

29 tal-perit tekniku). B'hekk il-konvenuti ghandhom ihallsu s-somma ta' tlett elef sebgha mija w sittax-il Ewro u ghoxrin centezmu (€3,716.20). Pero' mill-banda l-ohra l-intimati sofrew danni kif deskritti mill-perit fir-rapprot tieghu a fol. 332 fl-ammont ta' elf mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro (€1,222) liema spejjez thallsu provizorjament mill-konvenuti skond digriet tal-Qorti fil-mori tal-kawza. Ghalhekk bhala bilanc jibqa' is-somma ta' elfejn erbgha mija w erbgha w disghin Ewro u ghoxrin centezmu (€2,494.20).

Pero' l-Perit ma llikwida l-ebda ammont ta' flus ghaz-zmien li l-intimati kienu privi mill-proprjeta' taghhom u ghalhekk *arbitrio buoni viri* qed tillikwida s-somma ta' elf Ewro (€1,000) li ghandhom jigu moghtija mir-rikorrenti lill-intimati bhala kumpens.

Dwar il-posizzjoni tal-kjamat in kawza, is-sitwazzjoni hija pjuttost differenti. Il-kjamat in kawza wiegeb ghad-domandi tar-rikorrenti u cioe' fejn dawn kienu qed jitolbu somma flus minghand l-intimati bhala bilanc minn somma akbar dovut lilhom ghax-xoghol li pprestaw fil-proprjeta' tal-konvenuti. Huwa minnu li din hi relazzjoni *res inter alios acta* bejn il-kontendenti u ghalhekk f'din ir-relazzjoni l-kjamat in kawza ma jiccentra xejn u m'ghandu l-ebda *locus standi* fiha. Il-fatt li l-intimati ipprezentaw kontro-talba bl-ebda mod ma jolqot il-kjamat in kawza u dan ghaliex il-kontro-talba saret biss u limitatament lejn ir-rikorrenti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax fuq talba tar-rikorrenti tikkundanna lill-kjamat in kawza jaghmel tajjeb ghad-danni li l-intimati qed jippretendu mir-rikorrenti. Il-kjamat in kawza fl-ebda hin ma gie notifikat bil-kontro-talba tal-intimati u ghalhekk zgur li ma jistax jigi kundannat ihallas xi flus bhala rizulat ta' din il-kontro-talba. Il-kontro-talba qatt ma jista' jkollha effett kontra kjamat in kawza kif provdut **fl-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li hu artikolat f'termini precizi u inekwivoci in kwantu talba rikonvenzjonali hi akkordata biss kontra l-atttur u mhux kontra konvenut iehor fil-proceduri. (vide is-sentenza fl-ismijiet **Gasan Insurace Agency Limited vs Simon Soler u Paul Vella** deciza nhar it-22 ta' Novembru 2002 Appel Inferjuri). Ghalhekk l-eccezzjoni tieghu li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghandha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li qieghda tillibera lill-kjamat in kawza Perit Joseph Bugeja mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda tilqa' it-talba rikorrenti ghall-kundanna u hlas ta' flus izda f'somma inferjuri u cioe' fl-ammont ta' elf erbgha mija w erbgha w disghin Ewro u ghoxrin centezmu (€1,494.20) u dan billi qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u il-kontro-talba taghhom ghad-danni, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tar-rikorrenti ghall-kontro-talba tal-intimati.**

**L-ispejjez tal-kjamat in kawza Perit Joseph Bugeja huma kollha a karigu tal-konvenuti, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha, inkluz il-hlas tar-rapporti tal-perit tekniku nominat mill-Qorti huma kollha a karigu tar-rikorrenti.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.
Magistrat

Marbeck Spiteri
Deputat Registratur